

Brussell, 27 ta' Ottubru 2021  
(OR. en)

13290/21

WTO 247

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 654 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Ftehimiet Kummerċjali tal-UE

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 654 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 654 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.10.2021  
COM(2021) 654 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Ftehimiet Kummerċjali tal-UE**

{SWD(2021) 297 final}

## KONTENUT

I.	Introduzzjoni.....	2
II.	II. L-użu sħiħ tal-opportunitajiet ipprovduti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE .....	8
II.1	Kummerċ ma' sħab preferenzjali - żviluppi ewlenin fl-2020 .....	8
II.2	L-avanz tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE: Eżempji fl-erba' reġjuni (l-Asja, il-Kontinent Amerikan, il-pajjiżi tal-Viċinat u l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku).....	13
III.	L-appoġġ għall-adozzjoni ta' ftehimiet kummerċjali minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju...	24
IV.	L-indirizzar tal-ostakli u s-sejba ta' soluzzjonijiet .....	30
IV.1	Is-sitwazzjoni attwali tal-ostakli għall-kummerċ u t-tneħħija f'sena ta' sfida .....	30
IV.2	L-iffaċilitar tal-ilmenti: Il-Punt ta' Dħul Uniku .....	38
V.	L-infurzar bilaterali u multilaterali tal-impenji kummerċjali: is-soluzzjoni tat-tilwim .....	39
V.1	L-użu tas-soluzzjoni tat-tilwim.....	39
V.2	It-tiġdid tal-gruppi ta' arbitri u esperti fit-TSD .....	42
V.3	Ir-rispons għall-ostakli għas-soluzzjoni tat-tilwim .....	42

# Rapport Annwali tal-2021 dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar

## I. Introduzzjoni

Dan huwa l-ewwel rapport ikkonsolidat tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni u infurzar fil-qasam tal-kummerċ. Dan isegwi l-ħatra fl-24 ta' Lulju 2020 tal-ewwel **Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO)** fil-Kummissjoni, sabiex jissorvelja u jmexxi l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-ftehimiet u l-arranġamenti kummerċjali tal-UE, b'mandat espliċitu li jirrapporta lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill u lill-pubbliku. Dan ir-Rapport, li se jiġi ppubblikat kull sena, huwa l-istrument ewlieni biex isir dan.

Il-bidla lejn **implimentazzjoni u infurzar saħnsitra aktar b'saħħithom** tal-impenji kummerċjali taħt il-Kummissjoni tal-President von der Leyen toriġina minn żewġ fatturi ewlenin: l-ewwel nett, wara perjodu ta' 10 snin ta' negozjati intensivi u ta' suċċess għall-espansjoni tan-network tal-UE ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali, jeħtieġ li l-UE issa tiffoka dejjem aktar fuq l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom. It-tieni, ix-xenarju tal-politika kummerċjali globali nbidel b'mod sostanzjali ħafna f'dawn l-aħħar ftit snin, bi sfidi ġodda li qegħdin jitfaċċaw. Dawn jinkludu żbilanċi strutturali, kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ta' aċċess għas-suq, u l-użu politiku mis-sħab kummerċjali tal-UE ta' miżuri unilaterali restrittivi mhux ġustifikati jew saħnsitra koerċizzjoni ekonomika, li kollha kemm huma jridu jiġu indirizzati b'mod assertiv mill-UE.

## Struttura tar-Rapport

Ir-Rapport ikopri **erba' oqsma ta' prijorità fl-implimentazzjoni u fl-infurzar**:

1. L-użu sħiħ tal-opportunitajiet ipprovduti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE (it-Taqsima II);
2. L-appoġġ għall-adozzjoni ta' ftehimiet kummerċjali minn Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (it-Taqsima III);
3. L-indirizzar tal-ostakli u s-sejba ta' soluzzjonijiet (it-Taqsima IV) u
4. L-infurzar bilaterali u multilaterali tal-impenji kummerċjali: Is-soluzzjoni tat-tilwim (it-Taqsima V).

Ir-Rapport jippreżenta l-impatt tal-aktar ftehimiet u azzjonijiet kummerċjali tal-UE ekonomikament sinifikanti mill-Kummissjoni biex jiġu eliminati l-ostakli għall-kummerċ u l-investment fis-swieq ta' pajjiżi terzi. Huwa jikkonsolida f'rapport wieħed ir-rapport annwali preċedenti dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE<sup>1</sup> u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tagħha, kif ukoll ir-Rapport annwali preċedenti dwar l-Ostakli għall-

---

<sup>1</sup> L-ewwel rapport maħruġ fl-2017; ir-raba' u l-aħħar rapport: COM(2020)705 tat-12 ta' Novembru, disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=COM\(2020\)705&lang=mt](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=COM(2020)705&lang=mt)

Kummerċ u l-Investment ('Trade and Investment Barriers Report' - TIBR)<sup>2</sup>. Huwa fih informazzjoni dwar l-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni fi sħubija mal-Istati Membri skont l-Istrateġija għall-Aċċess għas-Swieq biex jittejjeb l-aċċess għas-swieq u biex l-SMEs jiġu megħjuna jagħmlu l-aħjar użu mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE, u juri kif il-Kummissjoni taħdem mas-soċjetà ċivili. Huwa jirrapporta wkoll dwar l-azzjonijiet ta' infurzar fil-qasam tal-kummerċ meħuda mill-Kummissjoni taħt il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), fi ftehimiet kummerċjali bilaterali u skont ir-Regolament tal-UE dwar l-Ostakli għall-Kummerċ<sup>3</sup>. Fl-aħħar nett, ir-Rapport jipprovdi *data* statistika dwar il-kummerċ u l-investment għas-37 ftehim kummerċjali ewlenin tal-UE għall-2020 (oġġetti) u għall-2019 (servizzi) u jkopri l-iżviluppi sinifikanti sal-aħħar tat-tieni trimestru tal-2021.

Billi l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Mejju 2021 (applikat provviżorjament mill-1 ta' Jannar), huwa se jkun kopert mill-edizzjoni tal-2022 ta' dan ir-Rapport.

**Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah**<sup>4</sup> fih informazzjoni addizzjonali dwar kif timtela t-Taqsima II.2 tar-Rapport dwar kull wieħed mis-37 ftehim kummerċjali ewlenin tal-UE li applikaw għal perjodu ta' żmien sostanzjali fl-2020. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal fih ukoll informazzjoni dwar kif timtela t-Taqsima IV.1 tar-Rapport, notevolment lista ta' ostakli ġodda rreġistrati u dawk riżolti kompletament jew parzjalment fl-2020.

### **Oqsma koperti minn rapportar separat (għodod unilaterali)**

L-oqsma ta' implimentazzjoni u infurzar li ġejjin huma soġġetti għal rapportar awtonomu mill-Kummissjoni:

1. L-użu ta' **strumenti għad-difiża tal-kummerċ** f'każ ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping jew sussidjati li jagħmlu ħsara lill-industrija tal-UE, jew l-azzjoni biex jiġu indirizzati oġġetti ffalsifikati jew ksur ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) ta' kumpaniji tal-UE barra mill-UE huma koperti mir-*Rapport annwali dwar id-Difiża tal-Kummerċ*<sup>5</sup> u mill-pubblikazzjonijiet biannwali alternanti tal-

---

<sup>2</sup> L-ewwel rapport maħruġ fl-2010; l-għaxar u l-aħħar rapport: COM(2020)236 tal-15 ta' Ġunju, disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=COM\(2020\)236&lang=mt](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=COM(2020)236&lang=mt)

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/1843 li jstabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (kodifikazzjoni); *ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1-13*

<sup>4</sup> <https://trade.ec.europa.eu/doclib/html/159786.htm>

<sup>5</sup> Id-39 Rapport Annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-UE fir-rigward tal-Antidumping, l-Antisussidji u s-Salvagwardja u l-użu ta' Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ minn Pajjiżi Terzi fil-konfront tal-UE fl-2020; [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/august/tradoc\\_159782.PDF](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/august/tradoc_159782.PDF)

Kummissjoni tar-rapport dwar id-DPI<sup>6</sup> u l-Lista ta' Sorveljanza għall-Falsifikazzjoni u l-Piraterija<sup>7</sup>.

2. L-użu mill-Kummissjoni ta' **għodod tal-politika dwar il-kontroll tal-esportazzjoni u tal-investment**, notevolment ir-Regolament tal-UE dwar *il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju*<sup>8</sup> u l-*mekkaniżmu tal-iskrinjar tal-Investment Dirett Barrani tal-UE*<sup>9</sup> se jkun kopert mir-rapporti mistennija għal nofs Novembru 2021, li se jipprovdu għall-ewwel darba ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-kontrolli tal-esportazzjoni u l-investment strateġiku tal-UE. Dwar dan tal-aħħar ilu jiġi rrapportat mill-2013, fuq bażi volontarja. Skont ir-regolament il-ġdid dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, ir-rapportar annwali issa huwa obbligatorju u japplikaw xi rekwiżiti ta' trasparenza.
  
3. Fl-aħħar nett, informazzjoni dwar l-operazzjoni u l-attività ta' monitoraġġ u infurzar taħt l-Iskema Ġenerali ta' Preferenzi (SĠP) tal-UE hija inkluża wkoll f'rapport awtonomu, maħruġ kull 2-3 snin. Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament GSP ġdid<sup>10</sup> b'applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2024.

### **Għodod ġodda introdotti fl-2020**

Il-prijorità mogħtija lill-implimentazzjoni u lill-infurzar effettivi wasslet ukoll lill-Kummissjoni, fit-tieni parti tal-2020, biex tintroduċi **għodod ġodda indirizzati direttament lill-komunitajiet tal-partijiet ikkonċernati** biex jiġu involuti u jtejbu l-effiċjenza tal-isforzi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

- ✓ F'Ottubru 2020, b'reazzjoni għal talbiet speċifiċi mill-partijiet ikkonċernati u mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni nediet il-portal il-ġdid tagħha "**Aċċess għas-Swieq**" (A2M)<sup>11</sup>, li jipprovdi informazzjoni multilingwi u faċilment aċċessibbli dwar

<sup>6</sup> Ir-Rapport dwar il-protezzjoni u l-infurzar tad-DPI f'pajjiżi terzi tas-27 ta' April 2021;

[https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/april/tradoc\\_159553.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/april/tradoc_159553.pdf)

<sup>7</sup> Il-Lista ta' Sorveljanza tal-Kummissjoni għall-Falsifikazzjoni u l-Piraterija; Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (2020) 360 final tal-14 ta' Diċembru 2020;

[https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/december/tradoc\\_159183.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/december/tradoc_159183.pdf)

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senseriya, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju

(riformulazzjoni), ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1 ([https://eur-](https://eur-lex.europa.eu/search.html?DTA=2021&SUBDOM_INIT=ALL_ALL&DB_TYPE_OF_ACT=regulation&DTS_SUBDOM=ALL_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t)

[lex.europa.eu/search.html?DTA=2021&SUBDOM\\_INIT=ALL\\_ALL&DB\\_TYPE\\_OF\\_ACT=regulation&DTS\\_SUBDOM=ALL\\_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS\\_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t](https://eur-lex.europa.eu/search.html?DTA=2021&SUBDOM_INIT=ALL_ALL&DB_TYPE_OF_ACT=regulation&DTS_SUBDOM=ALL_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t)

(qabel ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senseriya u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju, ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1 ([https://eur-](https://eur-lex.europa.eu/search.html?DTA=2009&SUBDOM_INIT=ALL_ALL&DB_TYPE_OF_ACT=regulation&DTS_SUBDOM=ALL_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t)

[lex.europa.eu/search.html?DTA=2009&SUBDOM\\_INIT=ALL\\_ALL&DB\\_TYPE\\_OF\\_ACT=regulation&DTS\\_SUBDOM=ALL\\_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS\\_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t](https://eur-lex.europa.eu/search.html?DTA=2009&SUBDOM_INIT=ALL_ALL&DB_TYPE_OF_ACT=regulation&DTS_SUBDOM=ALL_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t)

[rue&qid=1634489240754&DTN=0821](https://eur-lex.europa.eu/search.html?DTA=2009&SUBDOM_INIT=ALL_ALL&DB_TYPE_OF_ACT=regulation&DTS_SUBDOM=ALL_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t)) (qabel ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senseriya u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju, ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1 ([https://eur-](https://eur-lex.europa.eu/search.html?DTA=2009&SUBDOM_INIT=ALL_ALL&DB_TYPE_OF_ACT=regulation&DTS_SUBDOM=ALL_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t)

[lex.europa.eu/search.html?DTA=2009&SUBDOM\\_INIT=ALL\\_ALL&DB\\_TYPE\\_OF\\_ACT=regulation&DTS\\_SUBDOM=ALL\\_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS\\_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t](https://eur-lex.europa.eu/search.html?DTA=2009&SUBDOM_INIT=ALL_ALL&DB_TYPE_OF_ACT=regulation&DTS_SUBDOM=ALL_ALL&typeOfActStatus=REGULATION&DTS_DOM=ALL&type=advanced&excConsLeg=t))).

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/452 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni; ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1-14

<sup>10</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/september/tradoc\\_159803.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/september/tradoc_159803.pdf)

<sup>11</sup> <https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/mt/home>

kif jaħdmu l-ftehimiet kummerċjali tal-UE fil-prattika, inklużi funzjonalitajiet speċifiċi maħsuba biex jgħinu lill-operaturi jinnavigaw il-karatteristiċi aktar kumplessi tagħhom. L-A2M jinkludi għodod speċifiċi, li jgħinu lin-nies u lin-negozji ta' kull daqs jagħmlu l-aħjar użu mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE (pereżempju, l-għodda ta' Awtovalutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini, ROSA). L-għan huwa li jiġu ffaċilitati aktar il-kumpaniji li jaċċessaw swieq ta' pajjiżi terzi.

- ✓ F'Novembru 2020, il-Kummissjoni stabbilixxiet fid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ **Punt ta' Dħul Uniku**<sup>12</sup> (Single Entry Point - SEP), inkluż mekkaniżmu tal-ilmenti li jippermetti lil kwalunkwe parti kkonċernata bbażata fl-UE tippreżenta lmenti dwar nuqqas ta' konformità possibbli minn pajjiżi terzi mal-impenji kummerċjali internazzjonali tagħhom vis-à-vis l-UE. L-SEP jittratta f'parità lmenti relatati mal-aċċess għas-suq u lmenti relatati mal-impenji fil-qasam tat-TSD u lmenti relatati mal-SĠP. Din l-għodda ġdida hija aċċessibbli permezz tal-portal A2M. Sett ta' linji gwida operazzjonali<sup>13</sup> jiggwida n-nies pass pass fir-rigward tal-informazzjoni li huma meħtieġa jissottomettu sabiex iniedu lment. Abbażi tal-ewwel xhur ta' tħaddim, din il-gwida ġiet aġġornata sabiex il-proċess tal-preżentazzjoni tal-ilmenti jsir aktar ċar u appoġġat aħjar. Il-kopertura u l-funzjonalità tal-A2M u tal-SEP se jkomplu jiġu aġġornati matul it-tnax-il xahar li ġejjin, abbażi tar-rispons kontinwu mill-partijiet ikkonċernati.

Din l-introduzzjoni ta' għodod ġodda direttament azzjonabbli mill-partijiet ikkonċernati tikkomplementa l-azzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar, li jinbdeu mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq **bażi ex officio**, jiġifieri taħt is-setgħat amministrattivi tal-Kummissjoni stess.

Ir-Rapport iħares lejn kif dan it-titjib meħud flimkien wassal għal eżiti konkreti, li ġejjin minn:

- **Użu aktar sistematiku tal-istrutturi istituzzjonali** stabbiliti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE (b'mod partikolari l-web ta' kumitati u sottokumitati ta' ftehimiet preferenzjali tal-UE) biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-impenji minn pajjiżi terzi u r-risoluzzjoni tal-ostakli għall-aċċess għas-suq;
- **Mobilizzazzjoni** attiva tal-“ekosistema” **tas-Sħubija għall-Aċċess għas-Suq** sabiex jiġu evitati u indirizzati l-ostakli għall-kummerċ, inklużi l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi rappreżentattivi tal-partijiet ikkonċernati tal-UE, kemm fi Brussell kif ukoll f'pajjiżi terzi (il-mobilizzazzjoni, għall-Kummissjoni, tan-network ta' Delegazzjonijiet tal-UE u ambaxxati tal-Istati Membri) biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità minn pajjiżi terzi;
- Livell għoli ta' attività f'termini ta' **rikors għal mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim** taħt id-WTO u taħt ftehimiet kummerċjali bilaterali, fejn l-UE issa bdiet

<sup>12</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_20\\_2134](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_2134)

<sup>13</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/november/tradoc\\_159074.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/november/tradoc_159074.pdf)

erba' azzjonijiet bħal dawn u pprevaliet fi tnejn minn dawn it-tilwimiet fl-2020 u fil-bidu tal-2021, vis-à-vis l-Ukrajna u l-Korea t'Isfel, rispettivament; kif ukoll it-tlestija ta' żewġ investigazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar l-Ostakli għall-Kummerċ;

- It-tkomplija tal-**mobilizzazzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili** fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti Kummerċjali tal-UE, b'mod partikolari l-impenji tat-TSD taħtom, inkluż permezz tal-**Gruppi Konsultattivi Domestiċi** ('Domestic Advisory Groups' - DAGs) u l-fora tas-soċjetà ċivili u l-appoġġ ipprovdut għall-attivitàjiet tagħhom, kif ukoll sħubijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-ILO.

### **Strumenti leġiżlattivi ġodda introdotti fl-2020 u fl-2021**

Fil-qasam tal-infurzar tal-kummerċ fis-sens wiesa', minn Jannar 2020 l-UE **saħħet l-istrumenti legali tagħha relatati mal-infurzar**.

Id-data tal-11 ta' Ottubru 2020 rat id-dħul fis-seħħ tar-**Regolament tal-UE dwar l-iskrinjar tal-IDB** li jagħti bidu għall-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni<sup>14</sup>. Fit-12 ta' Frar 2021, daħal fis-seħħ ir-**Regolament emendat tal-UE dwar l-Infurzar tal-Kummerċ**<sup>15</sup>, li jgħin biex tingħeleb kwalunkwe paraliżi possibbli tal-oqfsa tal-UE għas-soluzzjoni tat-tilwim u biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' rimedju bħala riżultat ta' tilwima kummerċjali. **Regolament tal-UE dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni** emendat, daħal fis-seħħ fid-9 ta' Settembru 2021<sup>16</sup>.

### **Ikkompletar tas-sett ta' għodod**

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni **tkompli tavvanza għadd ta' strumenti leġiżlattivi importanti u strumenti oħrajn** biex tikkompleta s-sett ta' għodod. Dawn l-istrumenti, meħuda flimkien, jiżguraw li l-UE tkun mgħammra aħjar biex tirrispondi għall-isfidi fil-kummerċ internazzjonali, b'mod partikolari (1) bil-mezzi biex jiġu infurzati (permezz tar-Regolament dwar l-Infurzar tagħha u l-Arranġament Proviżorju ta' Arbitraġġ tal-Appell bejn bosta partijiet, MPIA) impenji nnegożjati skont il-ftehimiet kummerċjali, (2) leġiżlazzjoni/strumenti awtonomi biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'oqfsa tradizzjonali tal-kummerċ u l-investment (eż. l-istrument ta' sussidji barranin, il-passaġġ possibbli ta' Strument għal Akkwist Internazzjonali), (3) leġiżlazzjoni/strumenti awtonomi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tal-UE f'oqfsa ekonomiċi konnessi l-aktar mas-sigurtà (eż. skrinjar tal-IDB, kontrolli tal-esportazzjoni, strument kontra l-koerizzjoni) u (4) għodod biex jappoġġaw l-ambizzjonijiet ekoloġiċi u sostenibbli tal-UE.

<sup>14</sup> Ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 654/2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali; *ĠUL* 49, 12.2.2021, p. 1–5

<sup>16</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2021:206:FULL&from=MT>

Dawn huma l-inizjattivi konkreti li għaddejjin bħalissa:

- **Proposta** tal-Kummissjoni **għal Strument għal Akkwist Internazzjonali**, bil-progress fil-Kunsill<sup>17</sup> issa qed jiftaħ il-bieb għall-finalizzazzjoni tiegħu fix-xhur li ġejjin;
- Proposta tal-Kummissjoni dwar strument legali ġdid biex jiġu ttrattati **d-distorsjonijiet iġġenerati mis-sussidji barranin**<sup>18</sup> fis-suq intern;
- Proposta li jmiss tal-Kummissjoni għal strument legali ġdid biex tiġi indirizzata **l-koerċizzjoni ekonomika** minn pajjiżi terzi;
- Proposta li jmiss tal-Kummissjoni għal strumenti legali ġodda dwar **id-diliġenza dovuta obligatorja u d-deforestazzjoni**;
- It-tnedija fis-sajf tal-2021 ta' **rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-15-il Punt tat-TSD**<sup>19</sup>.

Flimkien mar-rikors li qed ikompli jsir, ibbażat fuq ir-regoli u proporzjonat, għall-istrumenti kummerċjali tradizzjonali (anti-dumping, kumpens tas-sussidji), dawn l-għodod imsaħħa u l-enfasi mġedda tal-Kummissjoni fuq l-infurzar jiżguraw kontinwità tal-politika.

Hekk kif il-Kummissjoni tkompli tiżviluppa għodod u strumenti ġodda u mtejba biex tindirizza l-isfidi multipli fl-implimentazzjoni u fl-infurzar, il-ħidma mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati (negożji, organizzazzjonijiet għall-promozzjoni tal-kummerċ, sħab soċjali, gruppi tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi) issir dejjem aktar importanti, l-istess bħall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li jaħsbuha bl-istess mod, sabiex tingħata haġja lill-impenji ffirmati, u jiġi żgurat li l-għodod u l-istrumenti jkomplu jagħtu riżultati reali fil-prattika.

---

<sup>17</sup> Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill qabel fuq mandat għan-negożjati fuq strument għal akkwist internazzjonali mal-Parlament; ara <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9175-2021-INIT/en/pdf>

<sup>18</sup> Proposta tal-5 ta' Mejju 2021 għal Regolament dwar is-sussidji barranin li jfixklu s-suq intern; COM(2021) 223 final; ara [https://ec.europa.eu/competition/international/overview/proposal\\_for\\_regulation.pdf](https://ec.europa.eu/competition/international/overview/proposal_for_regulation.pdf)

<sup>19</sup> Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-pjan ta' azzjoni dwar il-15-il punt tat-TSD tnediet fis-27 ta' Lulju u se tibqa' għaddejja sal-31 ta' Ottubru 2021; [https://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul\\_id=301](https://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul_id=301)

## II. II. L-użu sħiħ tal-opportunitajiet ipprovduti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE

### II.1 Kummerċ ma' sħab preferenzjali - żviluppi ewlenin fl-2020

L-istatistika f'din is-subtaqsima dwar l-evoluzzjoni tal-flussi kummerċjali hija bbażata fuq id-*data* tal-Eurostat għall-EU27 f'Marzu 2021 u tkopri 37 ftehim kummerċjali preferenzjali ewlenin<sup>20</sup> ma' 67 sieħeb, applikati għall-2020 kollha, li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-kummerċ preferenzjali tal-UE. Informazzjoni aktar dettaljata dwar dawn is-37 ftehim preferenzjali ewlenin hija stabbilita fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal<sup>21</sup> li jakkumpanja dan ir-Rapport. Id-*data* dwar l-użu tal-preferenzi tariffarji minn pajjiżi sħab kummerċjali preferenzjali u mill-esportaturi tal-UE hija ppubblikata separatament fuq is-sit web tal-Kummissjoni<sup>22</sup> biex ittejjeb it-trasparenza u thegħġegħ lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi u lill-Istati Membri jwettqu r-riċerka tagħhom stess u jidentifikaw il-fatturi ewlenin li jhegħgu lin-nies jinneogozjaw skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE jew le. Ix-xejriet fl-użu preferenzjali huma miġbura wkoll fl-evalwazzjoni *ex post* regolari tal-ftehimiet tal-UE u f'ħidma settorjali speċifika<sup>23</sup>.

***Fl-2020, kważi terz tal-kummerċ tal-UE seħħ skont ftehimiet kummerċjali preferenzjali...***

***Il-kummerċ mas-67 sieħeb kummerċjali*** koperti minn din it-taqsima fl-2020 kien jammonta għal EUR 1 167 biljun jew 32,0 % tal-kummerċ estern totali tal-UE, EUR 646 biljun għall-esportazzjonijiet u EUR 521 biljun għall-importazzjonijiet, li rriżultaw f'surplus kummerċjali tal-UE ta' EUR 124 biljun<sup>24</sup>.

#### **Illustrazzjoni 1: Il-kummerċ estern tal-UE (2020)**

---


<sup>20</sup> Billi l-ftehim tal-UE mal-Vjetnam daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Awwissu, huwa għadu ma huwiex inkluż fil-valutazzjoni kwantitattiva (statistika) ta' hawn taħt. It-TCA bejn l-UE u r-Renju Unit, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021, għadu ma huwiex kopert minn dan ir-rapport, minħabba li ma kienx applikat fl-2020.

<sup>21</sup> <https://trade.ec.europa.eu/doclib/html/159786.htm>

<sup>22</sup> <https://ec.europa.eu/trade/policy/countries-and-regions/negotiations-and-agreements/>


<sup>23</sup> Pereżempju, il-gruppi ta' ħidma dwar l-Aċċess għas-Suq li saru fl-2020 u fl-2021 iddedikati għat-tessuti u l-ġilda, għal xedd is-saqajn, għat-tajers u għall-apparati mediċi.

<sup>24</sup> Il-kummerċ mas-77 sieħeb kummerċjali preferenzjali kollha fl-2020 kien jammonta għal EUR 1 259 biljun jew 34,5 % tal-kummerċ estern totali tal-UE, EUR 672 biljun għall-esportazzjonijiet u EUR 586 biljun għall-importazzjonijiet, li rriżultaw f'surplus kummerċjali tal-UE ta' EUR 86 biljun.



Kif muri mill-illustrazzjoni 2 hawn taħt, l-Iżvizzera baqgħet l-akbar sieħeb preferenzjali tal-UE, billi tirrappreżenta 21,5 % tal-kummerċ tal-UE mas-67 sieħeb kummerċjali koperti minn dan ir-rapport, segwita mit-Turkija bi 11,3 %, il-Ġappun b'9,4 %, in-Norveġja b'7,8 % u l-Korea t'Isfel b'7,7 %. Flimkien, dawn il-ħames sħab kienu jirrappreżentaw aktar minn nofs il-kummerċ preferenzjali tal-UE (57,7 %). F'termini ta' kummerċ globali, l-Iżvizzera hija r-raba' sieħeb tal-UE wara ċ-Ċina, l-Istati Uniti u r-Renju Unit, filwaqt li t-Turkija, il-Ġappun, in-Norveġja u l-Korea t'Isfel jinsabu jokkupaw mis-sitt sad-disa' post wara r-Russja u qabel l-Indja.

### Illustrazzjoni 2: Il-kummerċ tal-UE fil-merkanzija skont is-sieħeb preferenzjali (2020)




### Il-COVID-19 tat xokk ekonomiku qawwi, iżda l-kummerċ preferenzjali żamm ftit aħjar

L-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 kien qawwi u l-kummerċ mas-67 sieħeb preferenzjali tal-UE naqas b'9,1 %. Kien hemm eċċezzjonijiet notevoli, pereżempju, b'żieda fl-

esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi (xprunata l-aktar minn żieda ta' 10 % fl-esportazzjonijiet farmaċewtiċi skont il-ftehimiet koperti). B'mod ġenerali, il-kummerċ tal-UE fi prodotti industrijali mas-67 sieħeb kellu surplus ta' EUR 116,8 biljun, żieda ta' EUR 2,1 biljun meta mqabbel mal-2019.

Kif muri fl-illustrazzjoni 3 hawn taħt, il-kummerċ preferenzjali tal-UE żamm b'mod aktar qawwi mill-kummerċ tal-UE mas-sħab mhux preferenzjali tagħha (-11,1 %) u mill-kummerċ mal-bqija tad-dinja (-10,5 %). L-istess xejra kienet riflessa fl-esportazzjonijiet preferenzjali tal-merkanzija, bit-tnaqqis ikun ta' madwar żewġ punti perċentwali inqas milli għall-kummerċ mhux preferenzjali.

### Illustrazzjoni 3: It-tkabbir annwali fil-kummerċ skont is-sieħeb (2019-2020)



#### ***Il-kummerċ agroalimentari mas-sħab preferenzjali żdied bid-doppju tal-kummerċ agroalimentari ġenerali***

***Il-kummerċ agroalimentari*** mas-sħab preferenzjali żdied bi 2,2 %, jiġifieri naqas minn 8,7 % fl-2019, iżda żdied darbtejn aktar malajr mill-kummerċ agroalimentari ġenerali (li żdied b'1 %). L-esportazzjonijiet agroalimentari skont ftehimiet preferenzjali żdiedu b'1,8 %, filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu bi 2,7 %.

#### ***Il-ħabba Latvjana tasal fil-Ġappun***

*L-FSE bejn l-UE u l-Ġappun għen lil Dobeles dzirnavnieks, proċessur ewlieni tal-ħhub fil-pajjiżi Baltiċi u l-akbar produttur tal-għaġin fit-Tramuntana tal-Ewropa, sabiex jistabbilixxi bażi soda fil-Ġappun. “Il-qafas ċar li stabbilixxiet l-UE għall-esportazzjoni huwa kruċjali biex jgħin lin-negozju tagħna jespandi lejn swieq ġodda. Il-mudell ta’ produzzjoni sostenibbli tagħna u l-avvanzi tagħna fil-produzzjoni organika joffru potenzjal għoli ta’ tkabbir għal Dobeles dzirnavnieks ġewwa u barra l-UE.” (Kristaps Amsils, President tal-Bord, AS Dobeles dzirnavnieks)*

#### **L-istudju tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ agroalimentari jikkonferma l-approċċ tal-UE**

**Studju prospettiv tal-Kummissjoni<sup>25</sup> li ġie ppubblikat** fis-26 ta’ Jannar 2021 iħares lejn l-effetti ekonomiċi kumulattivi mistennija sal-2030 tan-negozjati kummerċjali li għaddejjin u li ġejjin fis-settur agrikolu tal-UE, inklużi riżultati speċifiċi għal xi prodotti agrikoli wara l-konklużjoni ta’ 12-il ftehim kummerċjali. L-istudju jsib li l-implimentazzjoni akkumulata tat-12-il FTA tirriżulta f’żieda bilanċjata kemm fl-esportazzjonijiet kif ukoll fl-importazzjonijiet agroalimentari tal-UE, b’żieda kemxejn ogħla fl-esportazzjonijiet. L-istudju kkonferma wkoll li l-approċċ tal-UE li

<sup>25</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/trade/documents/jrc-cumulative-economic-impact-of-trade-agreements-on-eu-agriculture\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/trade/documents/jrc-cumulative-economic-impact-of-trade-agreements-on-eu-agriculture_en.pdf)

tipprovdi aċċess imtejjeb għas-suq fil-forma ta' kwoti ta' rati tariffarji għall-aktar prodotti sensitivi (prinċipalment iċ-ċanga, il-laħam tan-nagħaġ, il-pollam, iz-zokkor u r-ross) ippermetta lill-UE tipproteġi aħjar is-setturi relatati

***Fl-2020, kif meħtieġ mir-Regolamenti rispettivi, il-Kummissjoni reġgħet immonitorjat l-importazzjonijiet fl-UE ta' ċerti prodotti industrijali u prodotti agroalimentari....***

**Obbligi Speċifiċi ta' Monitoraġġ (il-Korea t'Isfel, is-Sħab tal-Amerika Latina)**

*Kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 511/2011<sup>26</sup>, il-Kummissjoni mmonitorjat l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel ta' partijiet ewlenin tal-karozzi u tal-elettronika mingħand l-aktar fornituri importanti (barra mill-UE). Fl-2020, l-importazzjonijiet tal-Korea ta' magni u partijiet naqsu b'19 %, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-partijiet ewlenin tal-karozzi żdiedu bi ftit (+5 %). Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet tal-UE ta' vetturi mill-Korea naqsu b'16 %.*

*L-importazzjonijiet fl-UE ta' banana friska mill-Kolombja, mill-Ekwador u mill-Perù, kif ukoll mill-Amerika Ċentrali ġew immonitorjati wkoll mill-Kummissjoni, kif meħtieġ mir-Regolament tal-UE Nru 19/2013<sup>27</sup> u Nru 20/2013<sup>28</sup>. L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet fl-2020 ma kienet tiġġustifika l-ebda azzjoni ta' segwitu. Il-Kummissjoni se tkompli twettaq analiżi regolari tal-istat tas-suq u tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni u, jekk ikun meħtieġ, teżamina s-sitwazzjoni flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati.*

***Il-kummerċ fis-servizzi naqas, madankollu, l-UE żammet surplus fis-servizzi...***

**Għall-kummerċ preferenzjali fis-servizzi**, l-aħħar ċifri disponibbli huma dawk għall-2019 (qabel il-COVID-19). Il-kummerċ fis-servizzi mas-67 sieħeb koperti minn dan ir-Rapport żdied b'7,8 %, aktar bil-mod mill-kummerċ totali barra mill-UE fis-servizzi (+10,5 %). Fl-istess ħin, il-kummerċ fis-servizzi mad-19-il sieħeb preferenzjali koperti minn dan ir-rapport li hađu impenji fis-servizzi<sup>29</sup> żdied b'14 %, u għalhekk b'mod aktar qawwi mill-kummerċ totali fis-servizzi tal-UE b'mod ġenerali. Il-kummerċ preferenzjali fis-servizzi mas-67 sieħeb kollha koperti minn din it-taqsimha ra surplus kummerċjali ta' EUR 90 biljun, minkejja tnaqqis ta' 7,8 % meta mqabbel mal-2018. Il-kummerċ fis-servizzi kiber l-aktar b'saħħtu bejn l-UE u s-sħab AKP tagħha (40 %) u t-tliet sħab tad-DCFTA (il-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna: 16 %).

<sup>26</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 511/2011 (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 19); <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/ALL/?uri=CELEX:32011R0511>

<sup>27</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1); <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013R0019>

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13); <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013R0020>

<sup>29</sup> In-Norveġja, l-Ukrajna, il-Moldova, il-Georgia, iċ-Ċili, l-Amerika Ċentrali, il-Komunità Andina, il-Messiku, il-Kanada, il-Cariforum, il-Korea t'Isfel u l-Ġappun.

## II.2 L-avvanz tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE: Eżempji fl-erba' reġjuni (l-Asja, il-Kontinent Amerikan, il-pajjiżi tal-Viċinat u l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku)<sup>30</sup>

### A. Il-monitoraġġ tal-impenji skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE u l-promozzjoni ta' ftehimiet ġodda

*Il-monitoraġġ ta' dak li qed jiġri fil-prattika huwa parti ewlenija mill-implimentazzjoni effettiva....*

Minn kmieni, il-Kummissjoni **timmonitorja b'mod proattiv il-qafas leġislattiv rilevanti għall-implimentazzjoni** tal-impenji mill-pajjiż sieħeb. F'xi każijiet, il-Kummissjoni tressaq offerti għal proġetti ddedikati biex tikseb **ħarsa ġenerali preċiża tas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni min-naħa tal-pajjiż sieħeb**, speċjalment fejn hemm kwistjonijiet aktar kumplessi (eż. kwistjonijiet mhux tariffarji u passi li jirrikjedu azzjoni leġislattiva fil-pajjiżi sħab). Hawnhekk, il-ħidma tad-Delegazzjonijiet tal-UE hija essenzjali.

- *Eżempju ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun* Permezz ta' proġett ta' Strument ta' Sħubija ('Partnership Instrument' - PI) ta' EUR 1 miljun (Faċilità ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-FSE bejn l-UE u l-Ġappun) imniedi fl-2019, il-Kummissjoni, permezz tat-tim kummerċjali tagħha fid-Delegazzjoni tal-UE f'Tokyo, setgħet timmonitorja l-passi ewlenin meħuda mill-Ġappun mill-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-FSE bejn l-UE u l-Ġappun. Il-Kummissjoni ħarġet rapport ta' progress f'Awwissu 2020 li jkopri l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-FSE<sup>31</sup>, li għen biex issir enfasi fuq kwistjonijiet pendenti, bħall-akkwist, meta kien hemm involviment mal-kontropartijiet Ġappuniżi fil-kumitati rilevanti.<sup>32</sup>

*Il-promozzjoni ta' ftehimiet ġodda hija kruċjali biex tgħin biex titqajjem kuxjenza fost il-benefiċjarji...*

- *Eżempju ta' FTAs ta' Singapore u tal-Vjetnam*: Għall-aktar żewġ ftehimiet reċenti tagħha, dawk ma' Singapore u mal-Vjetnam, fl-2020, il-Kummissjoni nediet żewġ proġetti taħt il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' EUR 285 000 u EUR 700 000, rispettivament, biex tappoġġa lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jippromwovu l-ftehimiet. Għall-Vjetnam, dan wassal għal azzjoni li tappoġġa l-FTA bejn l-UE u l-Vjetnam, iżda wkoll li ssaħħaħ il-ktajjen ta' provvista responsabbli, tnaqqas l-iskart tal-plastik u trawwem l-ekonomija ċirkolari. Għal Singapore, minbarra li jimmonitorja l-implimentazzjoni, il-proġett jiffinanzja l-organizzazzjoni ta' diversi seminars ta' sensibilizzazzjoni dwar aspetti speċifiċi tal-FTA tal-UE ta' Singapore, bħad-dwana, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, ir-regoli tal-orġini, l-akkwist pubbliku u s-servizzi, kif ukoll it-tnejjija ta' gwida għan-negozju.

*...u l-kooperazzjoni teknika spiss tkun katalista għal implimentazzjoni aħjar mis-sħab kummerċjali tal-UE.*

Il-monitoraġġ kien ikkomplementat minn **kooperazzjoni teknika** bejn il-partijiet fuq kwistjonijiet speċifiċi, li spiss kienu appoġġati minn proġetti tal-UE.

<sup>30</sup> Informazzjoni dettaljata dwar ftehimiet individwali applikati fl-2020 tista' tinstab fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal: <https://trade.ec.europa.eu/doclib/html/159786.htm>.

<sup>31</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/november/tradoc\\_159026.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/november/tradoc_159026.pdf)

<sup>32</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/march/tradoc\\_159469.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/march/tradoc_159469.pdf)

- Pereżempju: Fl-2020, l-UE u l-pajjiżi Andini ħadmu biex itejbu l-implimentazzjoni tal-Ftehim, pereżempju, permezz ta'
  - ✓ il-proġett IP Key Latin America<sup>33</sup> fil-qasam tad-DPI<sup>34</sup>;
  - ✓ proġett iddedikat għal **Imġiba Responsabbli fin-Negozju fl-Amerika Latina u fil-Karibew** <sup>35</sup> implimentat fi sħubija mal-OECD, mal-ILO u mal-Uffiċċju tan-NU tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem;
  - ✓ seminars immirati lejn tħassib speċifiku fil-qasam tas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali.

## **B. L-użu tal-qafas istituzzjonali skont l-FTAs tal-UE biex jinkiseb aċċess għas-suq, jissolvew il-problemi u tiżdied il-kooperazzjoni**

**Il-qafas istituzzjonali** skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE huwa essenzjali biex jiġu segwiti l-prijoritajiet tal-UE fl-implimentazzjoni. Aktar minn 200 kumitat u grupp ta' ħidma, li l-biċċa l-kbira tagħhom jiltaqgħu kull sena, jipprovdu struttura li żżomm kontroll kostanti fuq l-istat tal-implimentazzjoni biex jissolvew il-problemi li jinqalgħu. Huma jlaqqgħu flimkien uffiċjali kummerċjali, kif ukoll esperti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni u mill-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżi sħab, bħall-uffiċjali doganali responsabbli biex japplikaw ir-regoli, jew esperti dwar il-ħarsien tal-ambjent jew id-drittijiet tax-xogħol. L-aġendi u r-rapporti ta' dawn il-korpi istituzzjonali huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Fl-2020, il-pandemija tal-COVID-19 kienet tfisser li x-xogħol kien fil-biċċa l-kbira f'format virtwali.

### ***Il-qafas istituzzjonali għen biex jinkiseb aċċess għas-suq***

Fl-2020, dan il-fokus u l-qafas irnexxielhom **jiftħu aktar opportunitajiet tas-suq** għall-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi. Ir-riżultati ġew irreġistrati mhux biss fil-qasam tat-tariffi u tal-miżuri mhux tariffarji, iżda wkoll fl-**akkwist pubbliku** jew fid-DPI:

- FTA tal-UE mal-Kolombja: Il-Kumitat Konġunt tal-Kummerċ adotta deċiżjoni li testendi l-kopertura skont il-Ftehim għal sitt aġenziji Kolombjani ġodda fil-livell ċentrali tal-gvern.
- FTA tal-UE mal-Korea u FSE mal-Ġappun: Fil-laqgħat ministerjali rispettivi tal-2021 intlaħaq ftehim biex tiġi estiża l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi (IG) protetti taħt il-ftehim, rispettivament, minn 43 IG tal-UE u 41 IG Koreani skont il-Ftehim bejn l-UE u l-Korea; u billi jiżdiedu 28 IG kull wieħed għall-UE u għall-Ġappun. F'Jannar 2021, il-Kumitat Konġunt adotta d-Deċiżjoni Nru. 1 dwar it-tkabbir tal-lista ta' IG protetti taħt il-Ftehim<sup>36</sup>. Madankollu, f'xi setturi oħrajn, għad hemm diffikultajiet fl-aċċess għaż-żewġ swieq<sup>37</sup>.

### ***Il-kuntatti fil-livell Ministerjali jipprovdu rendez-vous essenzjali għas-soluzzjonijiet...***

<sup>33</sup> <https://ipkey.eu/en/latin-america>

<sup>34</sup> Ara aktar informazzjoni fir-Rapport dwar il-protezzjoni u l-infurzar tad-DPI f'pajjiżi terzi, paġna 15; [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/april/tradoc\\_159553.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/april/tradoc_159553.pdf)

<sup>35</sup> Imġiba Responsabbli fin-Negozju fl-Amerika Latina u fil-Karibew: <https://mneguidelines.oecd.org/rbclac.htm>

<sup>36</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika tal-25 ta' Jannar 2021 dwar l-emendi għall-Annessi 14-A u 14-B dwar l-IG [2021/109] C/2021/82, OJ L 35, 1.2.2021, p. 31 (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021D1271&qid=1634588077101>)

<sup>37</sup> Ara aktar dettalji fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal: <https://trade.ec.europa.eu/doclib/html/159786.htm>

Il-**laqgħa ministerjali annwali** tal-Kumitati (Konġunti) tal-Kummerċ jew (ta' Assoċjazzjoni) tista' taġixxi bħala punt fokali biex **tipprovdi l-momentum meħtieġ biex jinstabu soluzzjonijiet**, kif ukoll biex tibda u tipprovdi direzzjoni għall-ħidma teknika matul is-sena. Dawn il-kumitati konġunti spiss ikunu fejn il-partijiet jiddeċiedu dwar kwistjonijiet importanti ta' implimentazzjoni, u jistgħu jaqblu fuq passi iterattivi biex imexxuhom 'il quddiem. Kulma jmur, il-Kummissjoni, filwaqt li tibni fuq dan l-approċċ, qed tfittex li ddaħħal laqgħat ta' rendikont ta' nofs it-terminu bejn il-kumitati konġunti biex isegwu l-progress li jkun sar.

- *Eżempju tal-Korea:* Fil-Kumitat Konġunt tal-Kummerċ tal-2021, il-kopresidenti adottaw u ffirmaw emenda amministrattiva tal-anness dwar is-settur tal-karozzi li tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji fis-settur. L-istess laqgħa fasslet ukoll triq 'il quddiem dwar is-segwitu għall-kwistjonijiet li fadal, wara s-sejbiet tal-bord fit-tilwima bilaterali dwar ix-xogħol (ara t-Taqsima V hawn taħt).

***L-intelligence bikrija dwar l-abbozzi ta' miżuri għenet ukoll lill-Kummissjoni biex tantiċipa l-problemi...***

Il-**qafas istituzzjonali** skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE jappoġġa interazzjoni rapida u effettiva dwar il-kwistjonijiet kollha ta' implimentazzjoni. Dan spiss ikun l-aktar effettiv fl-istadju meta l-miżuri jkunu għadhom f'forma ta' abbozz jew ikunu għadhom mhux fis-seħħ.

Fl-2020, din il-ħidma rat xi **riżultati notevoli biex jiġu evitati jew jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ:**

- *Eżempju tal-Ġordan:* F'diskussjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Ġordan skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan, l-UE esprimiet tħassib serju dwar miżura pplanata għall-introduzzjoni ta' "tariffa tas-servizz" ta' 5 % għall-ipproċessar doganali fuq merkanzija importata mill-UE u, filwaqt li rrikonoxxiet l-isfidi baġitarji tal-Ġordan, hija ddikjarat ir-rieda tagħha li tipprovdi appoġġ għall-istabbiltà makroekonomika tal-pajjiż permezz tal-istrument ta' Assistenza Makrofinanzjarja tagħha. Wara dawn l-iskambji, il-miżura ġiet sospiża.
- *Eżempju tal-Eġittu:* Wara diskussjonijiet kostruttivi bejn il-partijiet fil-Kumitat SPS (is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti), l-Eġittu ppubblika standard ġdid għall-ġobon Feta, li neħħa r-referenza għal-livell ta' ħmira li kien hemm fil-verżjoni preċedenti<sup>38</sup>. F'każ ieħor, il-kooperazzjoni rapida mill-Istati Membri li kkondividew informazzjoni mad-Delegazzjoni tal-UE ppermettiet lill-Kummissjoni tevita restrizzjonijiet kwantitattivi għall-importazzjonijiet ta' patata taż-żriġħ mill-UE fl-Eġittu.

***Ladarba l-liġijiet u r-regolamenti jkunu fis-seħħ, it-tneħħija tagħhom hija aktar diffiċli, iżda fl-2020, il-ħidma fil-korpi istituzzjonali tat ir-riżultati...***

Ladarba jkunu mmaterjalizzaw ruħhom, l-ostakli għall-kummerċ huma ħafna aktar diffiċli biex jitneħħew. Huma ġeneralment **jiġu indirizzati** permezz ta' **diskussjonijiet mal-pajjiż sieħeb fi strutturi previsti taħt il-ftehimiet, bħall-kumitati tal-kummerċ** u s-sottokumitati, li jibdedu fil-livell

---

<sup>38</sup> Il-vjeġġi tal-ġobon Feta lejn l-Eġittu ġew irrifjutati matul l-aħħar snin minħabba l-ammont ta' ħmira li qabżet l-istandards Eġizzjani. Madankollu, livell għoli ta' ħmira huwa proprjetà naturali tal-ġobon Feta u ma għandux effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem.

tal-esperti (xi drabi msaħħa minn diskussjonijiet fil-livell politiku u fil-kumitati rispettivi tad-WTO). Is-sena 2020 rat għadd ta' pajjiżi sħab iġibu l-leġiżlazzjoni jew il-prattika f'konformità mal-ftehimiet kummerċjali.

Xi eżempji jinkludu:

- CETA/l-industrija tal-inbid: Wara diskussjonijiet fil-Kumitat għall-Inbejjed u l-Ispirti, il-Kanada impenjat ruħha li tneħħi d-dazju tas-sisa federali li jiddiskrimina l-importazzjonijiet tal-UE sa nofs l-2022 u Ontario u Nova Scotia se jneħħu l-miżuri diskriminatorji fuq l-inbejjed sa nofs l-2023 u nofs l-2024, rispettivament. Minkejja l-ostakli li fadal, fl-2020, il-Kanada saret ir-raba' l-akbar suq tal-esportazzjoni tal-UE għall-inbejjed.
- FTA bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali/it-trasport bl-ajru: FTA bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali/it-trasport bl-ajru: Wara interventi kkoordinati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri appoġġati minn negozju fuq l-art, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Panama qablet li tneħħi r-restrizzjonijiet fuq is-sjeda lokali u lil KLM inħarġitilha liċenzja definittiva biex tipprovdi servizzi fuq l-art u servizzi ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru. Qabel dan, dawk ir-restrizzjonijiet fuq is-sjeda imposti mill-Panama, bi ksur tal-FTA bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali żammew lill-kumpanija tal-ajru tal-UE KLM milli tipprovdi tali servizzi. Din ir-restrizzjoni affettwat ukoll lil linji tal-ajru oħrajn tal-UE, billi KLM kienet l-uniku fornitur ta' servizzi ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru liċenzjat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) fil-Panama.

***...il-Kummissjoni hija lesta li tnedi tilwim bilaterali, fejn l-ostakli ma jkunux jistgħu jissolvew permezz ta' mezz oħrajn***

F'każijiet fejn ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni, il-Kummissjoni hija lesta li tibda **soluzzjoni għat-tilwim bilaterali** skont il-proċeduri li jinsabu f'31 mis-37 ftehim kummerċjali preferenzjali tal-UE koperti minn dan ir-Rapport u li tippermetti li jittieħdu kontromiżuri f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Aktar informazzjoni dwar it-tilwim bilaterali fl-2020 tista' tinstab fit-Taqsima V.

***L-implimentazzjoni ma hijiex biss dwar l-ostakli; il-ftehimiet tal-UE fl-2020 appoġġaw ukoll aktar ftuħ tas-suq u kooperazzjoni usa'...***

It-twaqqif istituzzjonali ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE jwitti wkoll it-triq **għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni** mas-sħab kummerċjali fuq kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, bħal **kwistjonijiet regolatorji**:

*Pereżempju: Kooperazzjoni regolatorja bejn l-UE u l-Ġappun skont il-Kumitat tal-FSE dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja:*

- Il-Ġappun u l-UE rrikonoxxew fir-regolamenti domestiċi rispettivi tagħhom għadd ta' Prattiki enoġiċi li jużaw il-produtturi tal-Parti l-oħra, inklużi addittivi u enzimi, u b'hekk jiffaċilitaw il-kummerċ fis-settur.
- Il-Ġappun u l-UE armonizzaw ir-regolamenti tekniċi tagħhom għall-karozzi fir-rigward ta' erba' aspetti tekniċi addizzjonali, wara t-tlestija b'suċċess tal-ħidma ta' implimentazzjoni fuq erba' regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE). Il-koerenza regolatorja nkisbet permezz ta' emenda għall-FSE, li taġġorna l-lista ta' regolamenti tal-UNECE dwar il-vetturi bil-mutur li japplikaw iż-żewġ naħat.

Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE jistgħu joffru wkoll **pjattaforma għall-kooperazzjoni lil hinn mill-kummerċ**:

*Pereżempju: Kooperazzjoni regolatorja bejn l-UE u l-Kanada skont is-CETA dwar is-sikurezza tal-konsumatur u l-farmaċewtiċi*

- Il-Kummissjoni u l-Kanada (Health Canada) qed jikkooperaw fuq is-sikurezza tal-konsumatur, billi jimplementaw l-arranġament amministrattiv iffirmit fl-2018, jgħaqqdu l-forzi fuq is-sejħiet lura ta' prodotti mis-suq (pereżempju, fuq il-ġugarelli f'Diċembru 2020) u attivitajiet ta' sorveljanza kkoordinati, eż. fuq metalli tqal fil-ġojjellerija tat-tfal mibjugħa online.
- Bħala riżultat tal-kooperazzjoni bilaterali bejn l-awtoritajiet rilevanti tagħhom, l-UE u l-Kanada ddeċidew li jirrikonoxxu r-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-Prassi Tajba ta' Manifattura (PTM) ta' xulxin imwettqa minn spetturi tal-UE jew Kanadiżi f'faċilitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi, f'konformità mal-Protokoll tas-CETA dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' konformità u infurzar fir-rigward ta' prassi tajba ta' manifattura għall-prodotti farmaċewtiċi.

Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE, b'mod partikolari dawk reġjonali bħall-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi AKP, jipprovdu wkoll **bażi solida biex jinbada djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati** biex jiġu indirizzati sfidi importanti fil-kummerċ internazzjonali u reġjonali, bħal ktajjen ta' valur sostenibbli jew it-tħaddim tat-tfal.

*Pereżempju: Bl-użu ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mas-sħab Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, l-UE nediet djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati dwar it-tħaddim tat-tfal taħt l-inizjattiva dwar il-Kawkaw Sostenibbli*

- FSE mal-Ghana u mal-Kosta tal-Avorju: Taħt l-inizjattiva tal-kawkaw sostenibbli, li tnediet mill-Kummissjoni f'Settembru 2020, il-Ghana u l-Kosta tal-Avorju issa huma assoċjati mad-djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati tal-UE dwar il-produzzjoni/il-katina tal-valur tal-kawkaw sostenibbli u jsegwu djalogi simili fil-prattika u l-Kamerun issieħeb bħala osservatur fl-2021. L-objettiv tad-djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati huwa li jsir progress fl-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tat-traffikar tat-tfal fil-ktajjen tal-provvista tal-kawkaw, li jittejbu l-protezzjoni u r-restawr tal-foresti f'reġjuni li jipproduċu l-kawkaw, u li jiġi żgurat introjtu li jiggarrantixxi l-għajxien għal dawk li jkabbri l-kawkaw. Id-djalogu dwar il-kawkaw ilaqla' flimkien il-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-UE, inklużi r-rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew, tal-industrija u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

***Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 tal-2020 kellha effett negattiv sever fuq il-kummerċ, il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE komplew jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investment.....***

Illum l-UE hija l-akbar sieħeb kummerċjali għal 74 pajjiż madwar id-dinja, inkluż fl-Asja, fl-Afrika, fl-Istati Uniti, fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-UE. Il-ftehimiet kummerċjali fl-2020 komplew jiffaċilitaw il-kummerċ bejn l-UE u s-sħab tagħha u jsaħħu l-pożizzjoni tal-UE bħala investitur, għalkemm il-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha għadd ta' interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista, tnaqqis fid-domanda u tnaqqis sinifikanti fil-kummerċ kemm ġenerali kif ukoll preferenzjali.

***..iżda għad hemm sfidi ma' wħud mill-eqdem u l-akbar sħab kummerċjali preferenzjali tal-UE, bħalma huma l-Iżvizzera, it-Turkija u n-Norveġja.....***

**Għad hemm sfidi** fir-relazzjonijiet tal-UE ma' wħud mill-eqdem u l-akbar sħab preferenzjali tagħha, abbażi ta' ftehimiet aktar antiki li huma aktar limitati fil-kamp ta' applikazzjoni:

- **Mal-Lżvizzera**, l-ewwel sieħeb preferenzjali tal-UE (ir-raba' l-akbar sieħeb b'mod ġenerali, it-tielet l-akbar għas-servizzi), ma sar l-ebda progress fl-2020 fuq ir-ratifika tal-Ftehim Qafas Istituzzjonali nneozjat fl-2018. Il-Kunsill Federali ddeċieda li jwaqqaf in-neozjati dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali. Dan jeħtieġ li jkun fis-seħħ sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal għal aktar kummerç bilaterali.
- **Mat-Turkija**, it-tieni l-akbar sieħeb kummerçjali preferenzjali tal-UE, in-neozjati dwar Unjoni Doganali mmodernizzata jistgħu jibdew biss ladarba l-Kunsill jadotta d-direttivi ta' neozjar relatati. It-Turkija żammet l-ostakli għall-kummerç bi ksur tal-ftehim dwar l-Unjoni Doganali, b'mod partikolari permezz ta' twessigħ sostanzjali tal-għadd ta' tariffi addizzjonali li timponi lil hinn mit-Tariffa Doganali Komuni. Tħassib ieħor inkluda rekwiżiti għaċ-ċertifikati ta' oriġini għall-merkanzija tal-UE. Wara l-emendar tal-Kodiċi Doganali Tork f'Jannar 2021, saru serje ta' kuntatti ta' livell għoli u laqgħat tekniċi mat-Turkija, li warajhom it-Turkija infurmat lill-UE li kienet baġtet struzzjonijiet lill-amministrazzjonijiet doganali Torok kollha u li kienet organizzat laqgħat ta' informazzjoni mal-operaturi ekonomiċi biex tiċċara s-sitwazzjoni. Għad hemm tħassib fir-rigward tal-applikazzjoni mit-Turkija tar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni fis-settur farmaċewtiku. L-implimentazzjoni mhux diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni lejn l-Istati Membri kollha, inkluża r-Repubblika ta' Ċipru, tibqa' wkoll talba ewlenija mill-UE.
- **Man-Norveġja**, ir-raba' l-akbar sieħeb preferenzjali tal-UE, ma nkiseb l-ebda progress fuq it-talba tal-Kummissjoni għal rieżami tar-reġim kummerçjali għall-prodotti agrikoli pproċessati. Madankollu, filwaqt li l-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti agrikoli pproċessati żdiedu, dawn għadhom ma laħqux il-potenzjal tagħhom minħabba tariffi doganali għoljin. In-neozjati dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi għadhom sospiżi. Huwa meħtieġ impenn kemm fuq il-prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll fuq l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

### C. Il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli taħt il-lenti

#### *Fl-2020, l-iżvilupp sostenibbli baqa' sew fiċ-ċentru tal-attenzjoni bit-tnedija tar-rieżami bikri tal-Pjan ta' Azzjoni ta' 15-il Punt...*

L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Kapitoli dwar **il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli** (TSD) huma prijorità tal-politika kummerċjali tal-UE. **Il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-TSD ta' 15-il Punt** ippubblikat fi Frar 2018<sup>39</sup> iggwida l-isforzi biex jittejjbu aktar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Kapitoli dwar it-TSD fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE, billi pprovdai qafas u strateġija konsistenti. Dan il-pjan, li bħalissa qed jiġi rieżaminat fid-dawl tal-iżviluppi fil-politika kummerċjali u r-rispons meħtieġ għall-pandemija tal-COVID-19, jistabbilixxi azzjonijiet f'erba' oqsma ewlenin: it-titjib tal-mod kif il-Kummissjoni taħdem flimkien mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew, l-iffaċilitar tar-rwol ta' monitoraġġ u ta' konsulenza tas-soċjetà ċivili lejn il-partijiet tal-ftehimiet, it-twassil tar-riżultati u ż-żieda fit-trasparenza u fil-komunikazzjoni.

#### *... u l-ewwel tilwima skont l-FTA bejn l-UE u l-Korea*

**It-tilwima dwar it-TSD skont il-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Korea** kienet l-ewwel każ ta' soluzzjoni tat-tilwim bilaterali mibdi mill-UE, kif ukoll l-ewwel dwar id-dispożizzjonijiet tat-TSD. Hija tnediet fi tmiem l-2018,<sup>40</sup> minħabba t-tħassib tal-UE dwar in-nuqqas ta' rispett tal-Korea tal-prinċipji relatati ma' ċerti drittijiet fundamentali tax-xogħol u n-nuqqas ta' ratifika ta' erba' Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, kif stabbilit fil-ftehim kummerċjali. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Esperti nħarġet fl-20 ta' Jannar 2021 u sabet li l-Korea ma kinitx ikkonformat mal-obbligi tagħha. It-tilwima mal-Korea turi wkoll sewwa l-importanza tal-**użu assertiv tal-għodod ta' infurzar** previsti fil-Kapitoli dwar it-TSD, meta jkun meħtieġ.

---

<sup>39</sup> Ara d-dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni: Ir-rispons u t-triq 'il quddiem fuq it-titjib tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Kapitoli dwar it-TSD fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-UE tas-26 ta' Frar 2018 [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/february/tradoc\\_156618.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/february/tradoc_156618.pdf)

<sup>40</sup> Informazzjoni aktar dettaljata dwar it-tilwima tista' tinstab fit-Taqsima V.

## Il-każ ta' soluzzjoni tat-tilwim kontra l-Korea t'Isfel

**Il-Bord iċċara** li: (1) il-konformità mal-prinċipji fundamentali tax-xogħol stabbiliti fl-ILO kienet impenn vinkolanti tal-membri tal-ILO u tal-partijiet għall-ftehim kummerċjali, anki fin-nuqqas ta' ratifika tal-konvenzjonijiet, (2) kien hemm obbligu kontinwu li jsiru sforzi kontinwi u sostnuti biex tinkiseb ir-ratifika tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO vinkolanti fuq il-partijiet (għalhekk, il-Korea tibqa' obligata li tagħmel dan), u li sforzi kontinwi u sostnuti jfissru li jsiru sforzi realistiki biex tinkiseb ir-ratifika u mhux kliem biss, (3) ma kien hemm l-ebda hteġa li jintwera li l-ksur tad-dispożizzjonijiet involuti għandu effetti fuq il-kummerċ.

L-iżviluppi fil-Korea minn mindu twaqqaf il-Bord juru li d-dispożizzjonijiet dwar it-TSD jistgħu jwasslu għal **bidliet reali fil-prattika**: (1) Diġà qabel il-ħruġ tar-rapport tal-Bord, f'Diċembru 2020, l-Assemblea Nazzjonali tal-Korea għaddiet serje ta' emendi leġiżlattivi għall-Att dwar l-Aġġustament tar-Relazzjonijiet tax-Xogħol u t-Trade Unions (TULRAA) tal-Korea, li għandhom l-għan li jġibuh konformi mal-prinċipju tal-libertà ta' assoċjazzjoni. (2) Fis-26 ta' Frar 2021, l-Assemblea Nazzjonali lestiet ir-ratifika ta' tlieta mill-erba' Konvenzjonijiet fundamentali pendenti tal-ILO (Nru 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u d-Dritt għall-Organizzazzjoni, Nru 98 dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u għan-Negożjar Kollettiv u Nru 29 dwar ix-Xogħol Furzat). (3) Bl-użu tal-istrutturi istituzzjonali taħt il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, f'April 2021, il-Kumitat dwar it-TSD u l-Kumitat tal-Kummerċ qablu fuq proċess għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-Bord ta' Esperti, li se jinkludu eżami konġunt tal-bidliet li saru fil-liġi dwar it-trade unions u tal-passi lejn ir-ratifika tal-Konvenzjoni fundamentali pendenti tal-ILO Nru 105 dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat.

### *Il-monitoraġġ mill-qrib tad-dispożizzjonijiet dwar it-TSD fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE huwa kruċjali...*

Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, il-kumitati kollha tat-TSD – bl-eċċezzjoni tal-Vjetnam - **saru kif previst** fl-2020 u fl-ewwel żewġ trimestri tal-2021, inkluża l-ewwel laqgħa tal-Bord tat-TSD stabbilit skont **l-FTA bejn l-UE u Singapore**. Il-laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi taż-żewġ partijiet kummerċjali tal-FTA bejn l-UE u Singapore u tal-fora tas-soċjetà ċivili saru wkoll b'mod virtwali, u dan ippermetta lil ħafna aktar organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipparteċipaw u jsemmgħu leħinhom.

*..... u r-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-ILO mis-sħab kummerċjali tal-UE baqgħet prijorità għolja* Prijorità ewlenija għall-involvement tat-TSD tal-UE ma' diversi sħab tal-FTA kienet **ir-ratifika tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u l-implimentazzjoni tal-impenji dwar ix-xogħol**. L-aktar eżempju prominenti kien il-każ ta' soluzzjoni tat-tilwim mal-Korea, kif imsemmi aktar 'il fuq. Il-ħidma kontinwa mal-Vjetnam hija notevoli wkoll, billi tenfasizza l-ispazju għall-progress ipprovdut mill-proċedura ta' ratifika u r-rwol partikolari tal-Parlament Ewropew f'dak l-istadju. Fl-2020, il-Vjetnam kompli jaħdem fuq il-leġiżlazzjoni biex jippermetti l-implimentazzjoni tal-Kodiċi tax-Xogħol il-ġdid tiegħu, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 (wara l-adozzjoni tiegħu fl-20 ta' Novembru 2019). L-UE komplet tappoġġa dan il-proċess permezz ta' kollaborazzjoni mal-ILO u permezz ta' ħidma mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Vjetnam. Minkejja dan, u fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, għadu mhux possibbli li jiġu stabbiliti trade unions ħielsa fil-Vjetnam.

### ***Il-Kummissjoni għal darb'oħra qed taħdem mill-qrib mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol...***

F'kooperazzjoni mal-ILO, il-Kummissjoni pprovdiet assistenza teknika lill-**Georgia** biex tappoġġa lill-pajjiż fl-adozzjoni ta' Kodiċi tax-Xogħol ġdid f' Settembru 2020. Dan wassal għal approssimazzjoni akbar għall-istandards internazzjonali u għad-dritt tal-Unjoni rilevanti, kif ukoll għal liġi ġdida dwar l-ispezzjonijiet tax-xogħol. Il-kollaborazzjoni mal-ILO ppermettiet ukoll lill-Kummissjoni toffri assistenza teknika biex tippromwovi d-drittijiet tax-xogħol fiż-żoni rurali **fil-Kolombja**, bis-saħħa ta' proġett biex tissaħħaħ l-ispezzjoni tax-xogħol. Hija ppermettiet ukoll l-organizzazzjoni ta' workshop dwar l-ispezzjoni tax-xogħol fil-**Perù** fi Frar 2020. Fl-2020, l-UE pprovdiet ukoll assistenza teknika biex ittejjeb l-ispezzjoni tax-xogħol fis-setturi agrikoli tal-**Ekwador** (li għandha tiġi implimentata fl-2021).

### ***L-implimentazzjoni tal-impenji dwar is-sostenibbiltà ambjentali hija wkoll ta' importanza dejjem akbar***

Fil-qasam tal-**ambjent**, il-Kummissjoni kompliet bl-involviment mill-qrib tagħha mal-**Vjetnam** fl-Infurzar tal-Liġi, it-Tmexxija u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (Forest Law Enforcement, Governance and Trade, FLEGT). Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (FSV) bejn l-UE u l-Vjetnam daħal fis-seħħ f'Ġunju 2019 u l-Vjetnam kompli jaħdem fuq ir-regolamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-legalità tal-injam. Kompliet ukoll kooperazzjoni mill-qrib mal-**Ukrajna** fir-rigward tar-riforma tas-settur ibbażat fuq il-foresti tal-Ukrajna, li tiffoka fuq il-ħsad u l-kummerċ tal-injam u, b'mod partikolari, il-passi meħuda kontra l-injam ifforestat illegalment.

### ***Ir-rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni ta' 15-il Punt dwar it-TSD qed iħares lejn modi kif jissaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar...***

Ir-rieżami tal-**Pjan ta' Azzjoni ta' 15-il Punt** tal-Kummissjoni tal-UE ta' Frar 2018 tnieda fl-2021 (antiċipat mill-2023) u jinkludi konsultazzjoni pubblika wiesgħa, kif ukoll studju komparattiv dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar it-TSD fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE. B'mod ġenerali, ir-rieżami tat-TSD se jħares lejn l-aspetti rilevanti kollha tal-implimentazzjoni u l-infurzar tat-TSD, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, il-possibbiltà ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità, il-klawżola tal-“elementi essenzjali”, kif ukoll l-istruttura istituzzjonali u r-riżorsi meħtieġa.

### ***Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-TSD fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE, il-Kummissjoni tibbaża fuq il-pariri tad-DAGs tal-UE li jgħinuha tikkonnettja mas-soċjetà ċivili fl-UE u fil-pajjiżi sħab.***

Tnax-il ftehim kummerċjali tal-UE<sup>41</sup> jipprevedu l-involviment tas-**soċjetà ċivili** fl-ġhoti ta' pariri dwar il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Kapitoli tagħhom dwar it-TSD, b'mod partikolari, permezz tal-ħolqien ta' **DAGs** fuq kull naħa. Il-membri tad-DAG tal-UE jinkludu taħlita ta' rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE, kif ukoll organizzazzjonijiet iżgħar iddedikati għal suġġetti speċifiċi; maġġoranza tal-membri jintgħażlu wara sejħa pubblika għal interess, filwaqt li oħrajn

<sup>41</sup> 11 minn dawn il-ftehimiet huma koperti mir-rapport preżenti, filwaqt li t-12-il wieħed, jiġifieri l-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit, għadu mhux kopert, minħabba li l-applikazzjoni tiegħu bdiet biss fl-1 ta' Jannar 2021.

jinħatru mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), li jipprovdi wkoll is-segretarjat għad-DAGs tal-UE. Il-Kummissjoni tappoġġa l-ħidma kemm tad-DAGs tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi sħab permezz ta' proġett ta' Strument ta' Sħubija, kif ukoll il-ħidma konġunta tal-persunal tal-Kummissjoni fil-Kwartieri Ġenerali u t-timijiet kummerċjali fid-Delegazzjonijiet tal-UE.

## Eżempji ta' attivitajiet mid-DAGs tal-UE rilevanti għall-implimentazzjoni tal-kapitoli dwar it-TSD

Tilwima dwar ix-xogħol fil-Korea t'Isfel Filwaqt li appoġġaw lill-Kummissjoni biex tavvanza l-isforzi tal-UE sabiex il-Korea t'Isfel tinġieb f'konformità mal-impenji tax-xogħol skont l-FTA bejn l-UE u l-Korea, il-Membri tad-DAG tal-UE ressqu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni informazzjoni dwar elementi potenzjalment problematiċi fil-qafas legali Korean u l-prattika relatata mal-prinċipji ewlenin tal-ILO u r-ratifika tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO. Id-DAG tal-UE għandu rwol attiv fil-monitoraġġ tal-konformità mar-rapport tal-bord tat-TSD.

Kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi Andini: Id-DAG tal-UE, matul iż-żewġ laqgħat tiegħu fl-2020 mal-Kummissjoni, irrapporta dwar il-vjolenza kontra l-mexxejja tat-trade unions u l-attivisti ambjentali fil-Kolombja, is-sitwazzjoni tas-settur tal-banana fl-Ekwador, il-monitoraġġ tal-kwistjonijiet tax-xogħol u ambjentali fil-Perù, u l-impatt soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-UE u s-sħab Andini. Il-Kummissjoni użat dan il-kontribut għad-diskussjoni tagħha mas-sħab kummerċjali fil-laqgħat tal-kumitat tat-TSD.

L-istabbiliment ta' djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili rriżulta li huwa diffiċli għal uħud mis-sħab kummerċjali tal-UE, li kellhom relazzjonijiet limitati mas-soċjetà ċivili tagħhom. Id-Delegazzjonijiet tal-UE huma mħeġġa jilhq u lill-pajjiżi ospitanti, hekk kif dawn tal-aħħar daħħlu l-istrutturi fis-seħħ, u jipprovdu pariri u appoġġ, kif meħtieġ, kif juri l-eżempju li ġej:

- FTA bejn l-UE u l-Vjetnam (EVFTA): Il-Kummissjoni permezz tat-tim kummerċjali tagħha fid-Delegazzjoni tal-UE f'Hanoi appoġġat b'mod attiv it-twaqqif tad-DAG tal-Vjetnam wara d-dħul fis-seħħ tal-FTA. Dan l-appoġġ ingħata prinċipalment permezz ta' proġett li jippromwovi l-involviment tas-sħab soċjali (organizzazzjonijiet tan-negozju u tal-ħaddiema) u tas-soċjetà ċivili (Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs)). Dan ġie apprezzat kemm mis-soċjetà ċivili lokali kif ukoll mill-amministrazzjoni Vjetnamiża, minħabba l-esperjenza limitata ta' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili indipendenti fil-Vjetnam.

### D. Analiżi tal-effetti tal-ftehimiet kummerċjali (ex post) biex tittejjeb l-implimentazzjoni

*It-tagħlim mill-impatt reali tal-ftehimiet eżistenti jgħin biex tittejjeb l-implimentazzjoni fil-ġejjieni...*

Il-Kummissjoni **tevalwa l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali tagħha maż-żmien**, ġeneralment għall-ewwel darba wara ħames snin ta' implimentazzjoni, sabiex tivverifika jekk l-eżiti mistennija nkisbux. Fl-2020, tlestew żewġ *evalwazzjonijiet ex post*. Dawn koprew il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-CARIFORUM (it-tieni evalwazzjoni tiegħu wara għaxar snin fis-seħħ) u l-FTAs mas-**sitt pajjiżi tal-Mediterran**<sup>42</sup>. Dawn ġew ippublikati f'Jannar u Marzu 2021, rispettivament. Iż-żewġ studji jindikaw il-kwistjonijiet pendenti ewlenin u fejn jenħtieġ li titqiegħed l-enfasi fl-implimentazzjoni, filwaqt li jidentifikaw ukoll il-problemi li tipikament jiltaqgħu magħhom ir-reġjuni.

Pereżempju, fil-każ tal-FSE bejn l-UE u l-CARIFORUM, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet/aġenziji jibqqa' kwistjoni ta' tħassib, flimkien ma' nuqqas ta' għarfien dwar il-ftehim min-naħa tan-negozju u r-rispett insuffiċjenti tal-obbligi ta' trasparenza. Fl-istess ħin, minħabba d-dimensjoni tal-iżvilupp tal-FSE, l-implimentazzjoni b'suċċess tiegħu mill-14-il Stat tal-CARIFORUM

<sup>42</sup> L-istudju jkopri l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk u t-Tuneżija; <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/fab9bddd-9106-11eb-b85c-01aa75ed71a1>

tiddependi b'mod sinifikanti fuq il-finanzjament rilevanti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-programm ta' sħubija l-ġdid taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI-Ewropa Globali) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 joħloq opportunitajiet għal tali appoġġ imfassal apposta fuq l-isfidi relatati mal-kummerċ identifikati. L-evalwazzjoni identifikat ukoll oqsma fejn l-UE kellha bżonn tagħmel aktar, b'mod partikolari fir-rigward tal-involviment akbar tal-Istati Membri, komunikazzjoni mtejba u appoġġ għal rabtiet u pjattaformi minn negozju għal negozju.

Fil-każ tas-sitt ftehimiet ta' **Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranji**, l-istudju jindika l-ħtieġa għal tnaqqis ulterjuri fl-għadd ta' miżuri mhux tariffarji, bħal liċenzji tal-importazzjoni mhux awtomatiċi jew regolamenti tekniċi mhux innotifikati, li jikkawżaw nuqqas ta' prevedibbiltà u jfixklu l-operazzjonijiet kummerċjali lokali. Barra minn hekk, l-istudju jirrakkomanda s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, l-applikazzjoni ta' standards rikonoxxuti internazzjonalment u l-evitar ta' duplikazzjoni bla bżonn tal-valutazzjonijiet tal-konformità. It-titjib tal-ambjent tan-negozju jkollu jkun akkumpanjat minn appoġġ u kooperazzjoni msaħħa tal-UE dwar politiki li jtejbu l-kompetittività u l-ħiliet u jneħħu r-restrizzjonijiet loġistiċi. L-objettivi identifikati mhux biss se jinfurmaw il-proċess ta' implimentazzjoni tal-FTAs, iżda jistgħu jiggwidaw ukoll ir-riflessjonijiet għall-appoġġ tal-UE għall-għajnuna għall-kummerċ fil-perjodu 2021-2027.

### III. L-appoġġ għall-adozzjoni ta' ftehimiet kummerċjali minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

*L-SMEs u n-negozji tal-familja jirrappreżentaw madwar 99 % tal-kumpaniji kollha fl-UE, u jikkostitwixxu nofs il-PDG tal-Ewropa*

Is-swieq globali jibqgħu sors importanti ta' tkabbir għall-SMEs, li jikkostitwixxu terz tal-esportazzjonijiet kollha tal-UE, filwaqt li jappoġġaw aktar minn 13-il miljun impjeg fl-UE<sup>43</sup>. Fl-2020, il-Kummissjoni żiedet l-isforzi tagħha biex tgħin lill-SMEs jagħmlu l-aħjar użu mir-regoli u l-ftehimiet kummerċjali, kif ukoll biex tagħmilha aktar faċli għalihom li jindikaw tħassib dwar kif qed jiġu segwiti l-ftehimiet u r-regoli kummerċjali.

**Il-lakuni fl-informazzjoni u n-nuqqas ta' għarfien jistgħu jirrappreżentaw ostaklu għall-kummerċ u l-investment** minnhom infushom, b'piż partikolarment tqil fuq kumpaniji iżgħar. L-ewwel nett, il-ftehimiet kummerċjali ma jkollhom l-ebda użu jekk il-benefiċjarji potenzjali ma jkunux jafu dwarhom u sakemm ma jifhmux kif għandhom jaċċessaw il-vantaġġi fil-każ konkret. Anki jekk l-SMEs ma jkunux qed jesportaw direttament, il-ftehimiet kummerċjali jistgħu jkunu importanti għalihom minħabba r-rwol tagħhom fil-ktajjen tal-provvista globali. It-tieni, anki fejn il-kumpaniji jkunu konxji mir-regoli tad-WTO u mil-ftehimiet preferenzjali tal-UE, il-benefiċċji tagħhom ma jimmaterjalizzawx awtomatikament. Għalhekk, filwaqt li l-promozzjoni tal-kummerċ hija l-kompetenza tal-Istati Membri, tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju jew tal-awtoritajiet għall-promozzjoni tal-kummerċ (TPOs), fl-2020, il-Kummissjoni kompliet tappoġġa l-attivitajiet tagħhom, inkluż permezz ta' gwida, sensibilizzazzjoni (inkluż b'mod partikolari permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi sħab), għodod online interattivi ddedikati jew helpdesks u ċentri li jaqdu l-ħtiġijiet tal-SMEs.

<sup>43</sup> Nota tal-Kap Ekonomista tad-DĠ KUMMERĊ ta' Mejju 2020: [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/june/tradoc\\_158778.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/june/tradoc_158778.pdf)

Il-ftehimiet kummerċjali mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw joffru opportunitajiet ta' aċċess għas-suq li l-SMEs lokali huma hekk li jaħtfu, u jipprovdu inċentivi għar-riforma li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tista' tkompli tibni fuqhom. Pereżempju, il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku għandhom dimensjoni ta' żvilupp b'saħħitha: l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom tiddependi fuq l-indirizzar tar-restrizzjonijiet interni ta' dawn il-pajjiżi għall-kummerċ permezz tal-Għajnuna għall-Kummerċ. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Rapport jinkludi eżempji ta' kif id-Delegazzjonijiet tal-UE jaħdmu biex jindirizzaw l-ostakli għall-kummerċ permezz ta' Għajnuna għall-Kummerċ. Ir-Rapport ta' Progress tal-UE dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ għall-2020 fih aktar informazzjoni dwar l-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għall-SMEs fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jaqsmu l-aħjar użu mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE<sup>44</sup>.

#### **A. Access2Markets u Għodda ta' Awtovallutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (ROSA)**

*Is-sena 2020 rat it-tnedija tal-portal Access2Markets, li joffri punt uniku ta' servizz bla ħlas u sors ta' informazzjoni dwar il-kummerċ...*

Il-portal il-ġdid tal-Kummissjoni għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet **Access2Markets**<sup>45</sup> li tnedja f'Ottubru 2020, bl-**Għodda ta' Awtovallutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (ROSA)** integrata tiegħu, joffri ħafna informazzjoni bla ħlas, li tista' tiġi mfittxija, multilingwi u aġġornata. Huwa jkopri 122 suq tal-esportazzjoni barra mill-UE u 190 suq tas-sors. Il-kumpaniji jistgħu jikkonsultaw informazzjoni dwar it-tariffi, it-taxxi, il-kwoti, il-formalitajiet tal-importazzjoni u l-proċeduri għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tagħhom, u jistgħu jkollu r-regoli tal-oriġini fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE. Filwaqt li huwa disponibbli għal kwalunkwe utent, huwa partikolarment utli għall-SMEs.

*...il-pjattaforma tinkludi għodda ta' awtovallutazzjoni biex tgħin lin-negozji jsibu triqithom fir-regoli tal-oriġini fi ftehimiet differenti tal-UE*

#### **ROSA, l-Għodda ta' Awtovallutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini**

ROSA tiggwida lill-utenti permezz ta' sett ta' mistoqsijiet biex jivvalutaw jekk il-prodotti tagħhom jissodisfawx jew le r-regoli li jippermettu lill-utenti jikkwalifikaw għal trattament preferenzjali skont ftehim kummerċjali tal-UE. Sabiex tagħmel il-ħajja aktar faċli għall-kumpaniji, ROSA fiha wkoll struzzjonijiet ċari dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa bħala prova tal-oriġini biex jinkisbu preferenzi tariffarji u tinkludi funzjoni biex jikollu r-regoli bejn diversi ftehimiet. Bħalissa, ROSA qed tintuża madwar 500 darba kuljum.

**L-Access2Markets intlaqgħet tajjeb**, b'massimu ta' 10,000 utent kuljum, li 70 % minnhom ġejjin mill-UE. L-użu tagħha huwa ferm oġġla minn dak tal-għodod li ssostitwiet (Market Access Database u Trade Helpdesk). Access2Markets u ROSA ġew żviluppanti f'kooperazzjoni mill-qrib kemm mal-assoċjazzjonijiet tal-impriżi kif ukoll mal-kmamar tal-kummerċ u qed jittejjb b'mod kostanti abbażi tal-feedback tal-utenti. Dan il-bidu tajjeb ġie rifless f'li l-pjattaforma rebħet il-vot pubbliku fil-

<sup>44</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *EU Aid for Trade Progress Report 2020 – Review of the implementation of the updated EU aid for trade strategy of 2017*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020 (<https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/f022db96-d854-11ea-adf7-01aa75ed71a1>).

<sup>45</sup> <https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/mt/home>

**Premijiet ta' Amministrazzjoni Tajba tal-Ombudsman Ewropew<sup>46</sup>** tal-2021, rikonoxximent tal-għoti ta' servizz iffokat fuq iċ-ċittadini fi żminijiet ta' kriżi.

***Access2Markets mistennija tespandi b'moduli futuri dwar is-servizzi u l-akkwist fis-snin li ghejjin u l-ftehimiet kważi kollha f'ROSA sa tmiem l-2021...***

Bħala parti mit-titjib, **il-kamp ta' applikazzjoni ta' Access2Markets qed jiġi estiż** biex jinkludi elementi ewlenin oħrajn tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE:

- Qed tiġi żviluppata **bażi ta' data li tista' ssir tfittxija fiha li tkopri għadd ta' setturi tas-servizzi** skont il-ftehimiet tal-UE fuq bażi pilota, u gwidi settorjali speċifiċi li jiffokaw fuq ċerti reġjuni jew pajjiżi, pereżempju, fil-qasam tad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-pjanti u tal-annimali.
- **Il-kopertura ġeografika ta' ROSA qed tiġi estiża wkoll** biex tkopri kważi l-ftehimiet kummerċjali kollha sal-aħħar tal-2021. Illum, hija diġà tkopri 26 ftehim kummerċjali ma' 36 pajjiż (inklużi r-Renju Unit, is-sħab tal-Amerika Ċentrali, il-Kolombja/il-Perù/l-Ekwador, il-Vjetnam, il-Kanada, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel).
- Għodda ddedikata ġdida – **Access2Procurement<sup>47</sup>** – immedja f'Settembru 2021 tkopri l-akkwist pubbliku skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE, u tibda mill-membri tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA) u l-Ftehim bejn l-UE u l-Kanada (CETA); il-kopertura se tiġi estiża gradwalment lil hinn minn dan.

**Ghodka ġdida biex tittejjeb l-informazzjoni dwar l-offerti pubbliċi**

**Access2Procurement** hija ghodka ġdida tal-IT integrata fil-pjattaforma Access2Markets. L-iskop tagħha hu li tgħin lill-fornituri Ewropej isiru jafu jekk humiex eliġibbli biex iressqu offerti għal kuntratt ta' akkwist pubbliku partikolari f'pajjiż terz. Abbażi tat-tweġibiet mogħtija mill-utenti għal tliet jew erba' mistoqsijiet rigward l-entità tal-akkwist, is-suġġett tal-akkwist, u l-valur mistenni tal-kuntratt, l-ghodka l-ġdida tagħti valutazzjoni malajr u affidabbli ħafna dwar jekk l-utent huwiex intitolat li jipparteċipa fil-proċess tal-offerti. Dan se jgħin lill-offerenti jiddeterminaw jekk proġett ta' akkwist f'pajjiż terz huwiex kopert jew le mill-impenji ta' aċċess għas-suq ta' dak il-pajjiż vis-à-vis l-UE skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku jew ftehim bilaterali.

## **B. Gwidi, helpdesks, ċentri tal-SMEs u kooperazzjoni man-networks**

***Fl-isforzi ta' komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tkompli tiffoka fuq il-benefiċċji li joffru l-ftehimiet kummerċjali tal-UE lin-negozji, b'mod partikolari l-SMEs...***

Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet **tipproduċi serje ta' gwidi** maħsuba biex jgħinu lin-negozji jinnavigaw il-ftehimiet, appoġġati minn sessjonijiet ta' taħriġ u webinars iddedikati għall-partijiet ikkonċernati, li jikkomplementaw l-attivitajiet mill-Istati Membri tal-UE u min-negozji. **Id-Delegazzjonijiet tal-UE** għandhom rwol importanti fis-sensibilizzazzjoni u fl-appoġġ lill-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jgawdu mill-benefiċċji tal-ftehim.

- Eżempju tal-Kanada: Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet tiżviluppa gwidi speċifiċi u torganizza webinars maħsuba biex jgħinu lin-negozji tal-UE, li huma jew li jridu jsiru attivi fis-suq Kanadiż. Din il-ħidma kopriet disa' oqsma, minn suġġetti tekniċi ħafna bħal

<sup>46</sup> <https://www.youtube.com/watch?v=EXkldaJvv5E>

<sup>47</sup> <https://webgate.ec.europa.eu/procurement/#/step1>

alternattivi għat-trattament bil-bromur tal-metil sal-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tal-pjanti jew opportunitajiet għal kumpaniji tat-teknoloġija nadifa, sa suġġett aktar ġenerali bħall-opportunitajiet ta' akkwist pubbliku fil-Kanada fil-livell federali u subfederali jew ħarsa ġenerali lejn id-DPI fil-Kanada. Dawn il-gwidi u r-rapporti kollha huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kummissjoni<sup>48</sup>.

- Eżempju tal-Ġappun: Fl-2020, it-tim tal-kummerċ fid-Delegazzjoni tal-UE ta' Tokyo żviluppa Gwida Pass Pass maħsuba biex tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għas-suq lill-kumpaniji kkompletata bi gwidi settorjali.<sup>49</sup>

### *Iċ-ċentri tal-SMEs fi swieq ewlenin, appoġġati mill-UE, għandhom rwol importanti...*

Sabiex tgħin lill-SMEs jinternazzjonalizzaw u tgħin om jaċċessaw benefiċċji nneozjati f'pajjiżi sħab, **il-Kummissjoni qed tkompli tisponsorja ċentri tal-SMEs fiċ-Ċina u fil-Ġappun**, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-assoċjazzjonijiet tal-impriżi nazzjonali u Ewropej barra mill-Unjoni u mal-organizzazzjonijiet għall-promozzjoni tal-kummerċ. **Iċ-Ċentru għall-Kooperazzjoni Industrijali bejn l-UE u l-Ġappun**<sup>50</sup> għandu 2 233 membru rreġistrati. Dan huwa ffinanzjat u ġestit b'mod konġunt mill-UE u mill-Ġappun<sup>51</sup> f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjonijiet għall-Promozzjoni tal-Kummerċ tal-Istati Membri. Huwa qed jipprovdi bosta servizzi<sup>52</sup> lill-SMEs, *inter alia*, permezz tal-Helpdesk tal-FSE<sup>53</sup>, permezz tal-Helpdesk Ġappuniż tat-Taxxa u tal-Akkwist Pubbliku<sup>54</sup>, u jippromwovi t-trasferimenti tat-teknoloġija bejn l-UE u l-Ġappun permezz ta' Helpdesk iddedikat<sup>55</sup>. **Iċ-Ċentru tal-UE għall-SMEs fiċ-Ċina** huwa proġett iffinanzjat mill-Kummissjoni li ilu mill-2010 jgħin lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej iħejju ruħhom biex jagħmlu negozju fiċ-Ċina. Il-proġett, li bħalissa jinsab fit-tielet fażi tiegħu, huwa skedat li jdum għaddej minn Ottubru 2020 sa Marzu 2022. Fit-tieni fażi tiegħu (minn Lulju 2014 sa April 2020), iċ-Ċentru tal-UE għall-SMEs kien iffinanzjat mill-UE b'baġit totali ta' EUR 5,9 miljun u għandu 14 163 utent irreġistrati fuq is-sit web taċ-Ċentru tal-UE għall-SMEs.

### **Iċ-ċentri tal-SMEs fil-Ġappun u fiċ-Ċina**

#### **Eżempji ta' attivitajiet taċ-Ċentru għall-Kooperazzjoni Industrijali bejn l-UE u l-Ġappun fl-2020:**

- ✓ 16-il webinar relatati mal-FSE (permezz tal-Helpdesk tal-FSE) b'925 parteċipant;
- ✓ 18-il skeda informattiva li jiggwidaw lill-SMEs fuq aspetti ewlenin tal-FSE;
- ✓ 21 webinar bi 810 parteċipanti.

#### **Eżempji ta' attivitajiet taċ-Ċentru tal-UE għall-SMEs fiċ-Ċina (Novembru 2014-**

<sup>48</sup> <https://trade.ec.europa.eu/doclib/press/index.cfm?id=1720&title=CETA-factsheet-and-guides>

<sup>49</sup> Gwida għall-fornituri tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fil-Ġappun: [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/november/tradoc\\_159028.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/november/tradoc_159028.pdf); gwida pass pass li tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għas-suq lill-kumpaniji tal-UE: <https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/en/content/eu-japan-economic-partnership-agreement>

<sup>50</sup> <https://www.eu-japan.eu/>

<sup>51</sup> In-naħa tal-UE tipprovdi finanzjament taħt il-Programm ta' Ħidma tal-COSME għall-2020 (EUR 5,6 miljun; April 2020-Marzu 2022).

<sup>52</sup> <https://www.eu-japan.eu/summary-activities>

<sup>53</sup> <https://www.eubusinessinjapan.eu/library/news/epa-helpdesk>

<sup>54</sup> <https://www.eu-japan.eu/japan-tax-public-procurement-helpdesk>

<sup>55</sup> <http://www.eu-jp-tthelpdesk.eu/>

**April 2020):**

- ✓ 307 sessjonijiet ta' taħriġ fiċ-Ċina u fl-UE għal aktar minn 12 000 SME tal-UE;
- ✓ 28 Memorandum ta' Qbil iffirmati ma' aġenziji tal-gvern u organizzazzjonijiet ta' appoġġ għan-negozju fiċ-Ċina u fl-Ewropa;
- ✓ 270 sħubija bejn iċ-Ċentru tal-UE għall-SMEs u l-organizzazzjonijiet sħab;

*...u, f'xi każijiet, huma appoġġati wkoll minn timijiet tematiċi*

Il-kumpaniji tal-UE (b'mod partikolari dawk iżgħar) spiss jiffaċċjaw sfidi u limitazzjonijiet prattiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tad-DPI f'pajjiżi terzi, bħal trasferiment furzat tat-teknoloġija, nuqqasijiet proċedurali, xogħol b'lura fir-reġistrazzjonijiet tad-drittijiet, nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' ċerti drittijiet, livell mhux deterrenti ta' sanzjonijiet għall-ksur tad-DPI, nuqqas ta' għarfien espert, korruzzjoni, nuqqas ta' għarfien u nuqqas ta' trasparenza. Sabiex tgħinhom jindirizzaw b'mod effettiv dawn l-isfidi, li jista' jkollhom impatt fuq l-isforzi tagħhom biex jinternazzjonalizzaw, il-Kummissjoni stabbilixxiet **helpdesks tematiċi għall-SMEs dwar id-DPI f'reġjuni ewlenin, notevolment iċ-Ċina, l-Amerika Latina u x-Xlokk tal-Asja**<sup>56</sup>. Dawn il-helpdesks jappoġġaw lill-SMEs tal-UE sabiex jiproteġu u jinfurzwaw id-DPI tagħhom fit-territorji tal-pajjiżi sħab kummerċjali tal-UE, permezz tal-ġhoti ta' informazzjoni u servizzi bla ħlas.

---

<sup>56</sup> [https://intellectual-property-helpdesk.ec.europa.eu/ip-thematic-areas\\_en](https://intellectual-property-helpdesk.ec.europa.eu/ip-thematic-areas_en)

### C. L-appfondiment tal-kooperazzjoni man-negozji u man-networks tan-negozji

Sabiex tilħaq lill-kumpaniji fil-prattika, fl-2020, il-Kummissjoni kompliet **tappfondixxi l-kooperazzjoni tagħha mar-rappreżentanti tal-interessi kummerċjali tal-UE** fl-UE u f'pajjiżi terzi, inklużi n-Network Enterprise Europe (EEN)<sup>57</sup>, in-Network Dinji tal-Organizzazzjonijiet tan-Negozji Ewropej (EBO WWN)<sup>58</sup> u l-Organizzazzjonijiet għall-Promozzjoni tal-Kummerċ (TPOs) tal-Istati Membri. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tippromwovi l-iskambju ta' fehmiet ma' dawg l-organizzazzjonijiet biex ittejjeb l-aċċess għas-suq għan-negozji Ewropej f'pajjiżi terzi.

L-EEN qed jipprovdi pariri dwar l-FTAs konklużi mill-UE. Il-grupp tematiku tal-EEN għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs jikkondividi regolarment informazzjoni dwar l-aħħar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ permezz tal-pjattaforma tal-komunità tal-EEN. Il-grupp ta' esperti jorganizza wkoll webinars għan-negozji lokali u għall-konsulenti tal-EEN u jmexxi helpdesks biex ixerrdu informazzjoni dwar il-ftehimiet kummerċjali:

#### In-Network Enterprise Europe - attivitajiet reċenti

- Fis-27 ta' Jannar 2021, il-grupp tematiku tal-EEN għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs organizza webinar bit-titolu "Ittaqa' mas-sħab internazzjonali tagħna: l-EEN ta' Singapore", li enfasizza l-opportunitajiet u l-appoġġ disponibbli għan-negozji tal-UE li huma ħerqana biex jagħmlu n-negozju f'Singapore billi jieħdu vantaġġ mill-FTA.
- L-EEN tal-Vjetnam beda helpdesk biex jivvaluta l-ħtiġijiet tal-intrapriżi fir-rigward tal-FTA bejn l-UE u l-Vjetnam li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2020, inkluż billi mexxa s'tħarriġ, organizza laqgħat, eċċ.
- F'Novembru 2020, l-EEN - f'kooperazzjoni mill-qrib mad-DĠ KUMMERĊ - ospita taħriġ Prattiku ddedikat dwar il-funzjonalitajiet tal-portal Access2Markets. Il-webinar intlaqa' tajjeb u kien hemm aktar minn 200 konsulent tal-EEN li segwew it-taħriġ. Huma ppjanati aktar sessjonijiet ta' taħriġ Prattiku fil-ġejjieni.

#### *L-appoġġ għall-SMEs issa huwa integrat f'ħafna ftehimiet kummerċjali tal-UE...*

Sabiex ikompli jgħinu lill-SMEs jagħmlu użu mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE, il-ftehimiet reċenti inkludew **kapitoli ddedikati dwar l-SMEs fl-FTAs tal-UE**<sup>59</sup> li jipprevedu trasparenza vis-à-vis l-SMEs u kuntatti regolari bejn il-Punti ta' Kuntatt tal-partijiet għall-SMEs. Fl-2020, il-Punti ta' Kuntatt għall-SMEs stabbiliti skont is-CETA taw rapport tal-attività lill-Kumitat Konġunt tas-CETA li Itaq'

<sup>57</sup> In-network, koffinanzjat [mill-programm COSME](#) tal-UE, huwa attiv f'aktar minn 60 pajjiż u jlaqqa' flimkien 3000 espert minn 600 organizzazzjoni membru. L-għan tiegħu huwa li jgħin lin-negozji żgħar u ta' daqs medju fl-attivitajiet internazzjonali tagħhom

<sup>58</sup> <https://eboworldwide.eu/>

<sup>59</sup> Ġiet miftiehma rakkomandazzjoni għall-SMEs mal-Kanada, filwaqt li l-FSE bejn l-UE u l-Ġappun u t-TCA mar-Renju Unit għandhom kapitoli dwar l-SMEs, l-istess kif għandhom il-ftehimiet konklużi mal-Mercosur u l-ftehim immodernizzat mal-Messiku. Il-kapitoli dwar l-SMEs huma wkoll parti min-negozjati maċ-Ċili, mal-Indoneżja, mal-Awstralja u ma' New Zealand.

f'Lulju 2020 u bdew iwettqu l-pjan ta' ħidma tagħhom 2020-21<sup>60</sup>, li jinvolvi, *inter alia*, l-EEN u t-traċċar tal-progress tal-SMEs skont is-CETA. Fi Frar 2021 saret laqgħa tal-punti ta' kuntatt stabbiliti skont l-FSE bejn l-UE u l-Ġappun, fejn iż-żewġ naħat irrapportaw dwar l-inizjattivi tagħhom biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' informazzjoni taħt il-Kapitolu dwar l-SMEs.

## IV. L-indirizzar tal-ostakli u s-sejba ta' soluzzjonijiet

### IV.1 Is-sitwazzjoni attwali tal-ostakli għall-kummerċ u t-tneħħija f'sena ta' sfida

L-2020 kienet sena partikolarment impenjattiva: il-kriżi tas-saħħa u ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 xprunat il-protezzjoniżmu u għamlet lil xi sħab aktar riluttanti li jneħħu l-ostakli li kien hemm qabel il-kriżi.

Il-korpi istituzzjonali stabbiliti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE jipprovdu rotta importanti biex jiġu identifikati, jitqajmu u jissolvew il-problemi mas-sħab kummerċjali li magħhom l-UE kkonkludiet ftehimiet kummerċjali preferenzjali. Iżda n-negozju jista' jiltaqa' ma' problemi f'oqsma mhux indirizzati direttament minn ftehim kummerċjali jew f'pajjiżi li magħhom l-UE ma għandhiex ftehim kummerċjali preferenzjali. B'hekk, il-ħidma biex jiġu identifikati u jitneħħew l-ostakli kompliet fl-2020 fil-livelli kollha (bilaterali u multilaterali), sabiex jiġi indirizzat it-tħassib min-negozji tal-UE, li qegħdin jiffaċċjaw miżuri jew Prattiki restrittivi u huma ttrattati b'mod inġust mis-sħab kummerċjali tal-UE, jew li ma jistgħux jikkompetu fuq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Sabiex tiffaċilita l-ilmenti, f'Novembru 2020, il-Kummissjoni stabbilixxiet fuq il-portal Access2Markets tagħha l-**Punt ta' Dħul Uniku** (SEP), punt uniku ta' servizz maħsub biex jipprovdi informazzjoni dwar l-ostakli għall-kummerċ u/jew is-sħab kummerċjali li jonqsu milli jissodisfaw l-impenji tagħhom dwar it-TSD.

#### A. Stokk ta' ostakli għall-kummerċ u għall-investment (irreġistrati totali) mill-31 ta' Diċembru 2020


Kif turi t-tabella ta' hawn taħt, fi tmiem l-2020 hemm **462 ostaklu attiv għall-kummerċ u għall-investment f'66 pajjiż terz** elenkati fil-bażi ta' *data* Access2Markets tal-Kummissjoni:

Tip ta' miżura	Għadd ta' ostakli
Miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS)	109
Ostakli tekniċi għall-kummerċ (OTK)	79
Tariffi u ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi	78
Proċeduri amministrattivi	41
Servizzi u investment	39
Miżuri oħrajn*	37
DPI	35
Akkwist pubbliku	28
Taxxi u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet	16
<b>Total Kumplessiv</b>	<b>462</b>

<sup>60</sup> Il-pjan ta' ħidma u r-rapport tal-attività disponibbli fuq: [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/july/tradoc\\_158910.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/july/tradoc_158910.pdf)

\* Miżuri oħrajn jinkludu ostakli relatati mal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ (TDIs) u mas-sussidji, miżuri li jaffettwaw il-kompetizzjoni, u miżuri oħrajn mhux klassifikabbli f'kategoriji preċedenti.

#### Illustrazzjoni 4: Tipi ta' ostakli fl-2020



Kif jidher mill-illustrazzjoni 4 hawn fuq, meta wieħed iħares lejn **it-tipi ta' ostakli**, bħal fis-snin preċedenti, il-miżuri SPS (109) baqgħu l-akbar kategorija, billi jammontaw għal kwart tal-ostakli kollha rreġistrati, segwiti minn miżuri OTK u tariffarji u restrizzjonijiet kwantitattivi (kważi 80 kull waħda). Dawn it-tliet kategoriji kienu jikkostitwixxu kważi 60 % tal-ostakli attivi kollha fl-2020.

Meta wieħed iħares lejn **il-firxa ġeografika**, fl-2020, iċ-Ċina baqgħet il-pajjiż bl-ogħla stokk u għandha 40 ostaklu (tnejn aktar mill-2019); it-tieni kienet ir-Russja, segwita mill-Indoneżja u mill-Istati Uniti (26 kull wieħed), mill-Indja (25) u mit-Turkija (24). Pajjiżi oħrajn b'għaxar ostakli jew aktar kienu jinkludu l-Brażil, il-Korea t'Isfel, l-Awstralja, l-Alġerija, l-Eġittu, il-Marokk, il-Kanada u l-Malasja.

## B. L-evoluzzjoni tal-ostakli għall-kummerċ u għall-investment fl-2020

It-tabella ta' hawn taħt turi l-ostakli ġodda rreġistrati u l-ostakli riżolti fl-2020<sup>61</sup> skont it-tip/il-kategorija, li juru żieda netta (+8) meta mqabbla mal-2019<sup>62</sup>:

Tip ta' miżura	Ostakli ġodda <sup>63</sup>	Ostakli riżolti
SPS	13	17
OTK	5	6
Proċeduri amministrattivi	5	4
Tariffi u ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi	5	2
Servizzi u Investment	4	1
Miżuri oħrajn <sup>64</sup>	4	1
Akkwist Pubbliku	3	1
Taxxi u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet	1	1
DPI	1	0
<b>Total Kumplessiv</b>	<b>41</b>	<b>33</b>

**Il-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS)** reġgħu ġew fuq quddiem nett kemm f'termini ta' miżuri ġodda (13), kif ukoll ta' miżuri riżolti (17), u b'hekk jammontaw għal nofs l-ostakli kollha solvuti fl-2020. L-ostakli SPS riżolti kienu jfissru, pereżempju, il-ftuħ għall-esportaturi tal-UE tas-swieq Ġappuniżi għal ċerti prodotti taċ-ċanga tal-UE, il-possibilità li t-tuffieħ Belġjan jiddaħħal fil-Messiku u fit-Tajlandja jew li l-Korea t'Isfel neħħiet projbizzjoni fuq il-pollam mill-Ungerija.

**L-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (OTK)** u l-ostakli marbuta ma' **proċeduri amministrattivi** kienu t-tieni u t-tielet l-aktar tipi komuni.

F'termini tal-ostakli ġodda rreġistrati fl-2020 għal kull settur, 43 % instabu **fis-settur tal-agrikoltura u tas-sajd**, filwaqt li s-settur tal-inbid u tal-ispirti ra erba' ostakli ġodda u s-settur tal-karozzi ra tlieta. Madankollu, wara l-agrikoltura u s-sajd, l-akbar grupp ta' ostakli ġodda (8) kienu **miżuri orizzontali** li jistgħu jaffettwaw l-esportazzjonijiet kollha lejn il-pajjiż sieħeb kummerċjali kkonċernat (6) jew miżuri li jkopru aktar minn settur wieħed (2). Flimkien, **il-miżuri orizzontali u multisettorjali kienu jikkostitwixxu kwart tal-ostakli ġodda kollha** rreġistrati fl-2020<sup>65</sup>, li jirriflettu żieda fit-tendenzi ta' protezzjoniżmu, aċċentwata aktar mill-pandemija tal-COVID-19.

<sup>61</sup> Lista sħiħa ta' ostakli ġodda rrapportati u ostakli riżolti fl-2020 tista' tinstab fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal: <https://trade.ec.europa.eu/doclib/html/159786.htm>

<sup>62</sup> Meta l-miżuri tas-sena li għaddiet (438 ostakli attivi) jingħaddu maċ-ċifri tal-2020 (41 ostakli ġodda u 33 ostakli riżolti) ikun hemm total ta' 446 ostakli. Id-differenza ewlenija ġejja mill-fatt li, sabiex jiġu traċċati l-ostakli parzjalment riżolti, il-Kummissjoni kkodifikat l-ostakli attivi ta' segwitu mill-2020, li wasslu għal għadd nominalment oġġha ta' ostakli, filwaqt li ma biddlux ix-xejriet sottostanti.

<sup>63</sup> Ostakli ġodda huma daww irreġistrati f'Access2Markets matul l-2020.

<sup>64</sup> Miżuri oħrajn kienu jinkludu ostakli relatati mat-TDI u mas-sussidji, miżuri li jaffettwaw il-kompetizzjoni, u miżuri oħrajn, mhux klassifikabbli f'kategoriji preċedenti

<sup>65</sup> Dan il-proporzjon kbir ta' miżuri ta' effett orizzontali jfixx kwantifikazzjoni xierqa tal-flussi kummerċjali affettwati.

## L-ostakli għall-kummerċ u għall-investiment u l-COVID-19


Fl-istadji bikrija tal-pandemija, l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista wasslu għal splużjoni fid-domanda għal prodotti essenzjali (tas-saħħa) u, b'hekk, għal nuqqasijiet u miżuri restrittivi spontanji, segwiti minn intensifikazzjoni mhux ikkontrollata tal-produzzjoni (prinċipalment fiċ-Ċina), li gābet magħha tħassib dwar is-sikurezza u l-konformità mal-istandards tal-UE. L-UE introduċiet mekkaniżmu ta' trasparenza temporanju fil-forma ta' **skema ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni għal tagħmir protettiv personali**, li jissostitwixxi l-projbizzjonijiet nazzjonali, li t-tnejn li huma skadew fl-aħħar ta' Mejju 2020.

Matul l-ewwel fażi tal-pandemija, għadd ta' sħab kummerċjali tal-UE introduċew **restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni**. Il-Kummissjoni tkompli timmonitorja dawn il-miżuri biex tivverifika jekk id-durata tagħhom hijiex limitata għan-neċessità stretta, jiġifieri jekk il-miżuri jitneħħewx ladarba s-sitwazzjoni tas-saħħa tippermetti<sup>66</sup>. F'każijiet fejn jinstab li r-restrizzjonijiet jaffettwaw il-provvista tal-UE ta' oġġetti essenzjali meħtieġa biex tiġi indirizzata l-COVID-19, l-UE qed tfittex li tneħħi jew ittaffi l-miżura. Eżempju jinkludi miżuri Indjani li jirrestrinġu l-esportazzjonijiet ta' diversi provvisti mediċi kritiċi<sup>67</sup>, li rriżulta possibbli li jitneħħew permezz ta' impenn fl-oġġla livell politiku.

### C. L-ostakli riżolti fl-2020

Fl-2020, il-Kummissjoni segwiet l-ostakli b'mod proattiv sabiex setgħet tiżgura li 33 ostaklu tneħħew kompletament jew parzjalment fi 22 pajjiż sieħeb kummerċjali, kif jista' jidher mill-illustrazzjoni 5 ta' hawn taħt.

#### Illustrazzjoni 5: L-għadd ta' ostakli riżolti skont is-sieħeb (2020)



<sup>66</sup> Uħud minn dawn il-miżuri ġew irreġistrati fil-bażi tad-*data* tal-UE għal skopijiet ta' monitoraġġ (fuq Access2Markets <https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/mt/barriers>)

<sup>67</sup> Il-provvisti kkonċernati mir-restrizzjonijiet kienu jinkludu l-idrossiklorokina (HCQ), ingredjenti farmaċewtiċi attivi oħrajn (APIs) u l-formulazzjonijiet ta' paracetamol (aktar minn terz tal-produzzjoni tal-Indja ta' dan tal-aħħar tiġi esportata lejn l-UE).

Il-Kummissjoni tiddisponi minn **firxa ta' strumenti, spiss applikati flimkien** sabiex jiġu riżolti l-ostakli għall-kummerċ. Minbarra li tattiva l-qafas istituzzjonali skont il-ftehimiet kummerċjali bilaterali tagħha (ara t-Taqsima II.2.B. hawn fuq), il-Kummissjoni tuża **mezzi diplomatiċi** u djalogi ta' livell għoli mas-sħab kummerċjali tagħha biex issolvi l-ostakli. Hija tqajjem ukoll b'mod regolari ostakli f'ambjent multilaterali fid-WTO. Hija tista' wkoll tnedi investigazzjonijiet skont ir-Regolament tal-UE dwar l-Ostakli għall-Kummerċ (ġew immedija żewġ eżamijiet fl-2020, li tlestew fl-2021; ara aktar 'l isfel).

### ***L-azzjoni bilaterali wriet li hija rotta effettiva biex jiġu indirizzati l-ostakli***

#### ***Eżempji għall-isforzi fil-livell bilaterali:***

- **L-Arabja Sawdija/il-plastik:** L-isforzi kkombinati mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri tal-UE u min-negozji għenu biex jiġi evitat ostaklu tekniku dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-materjali tal-plastik mill-Arabja Sawdija. L-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija rrapportaw lill-Kummissjoni rekwiżit ġdid li jagħmel l-użu ta' plastik ossobijodegradabbli ċertifikat obligatorju għall-imballaġġ. Il-Kummissjoni studjat il-kwistjoni u kkonkludiet li tali restrizzjoni ma kinitx ibbażata fuq ix-xjenza (jiġifieri kien hemm nuqqas ta' evidenza tal-effetti ta' benefiċċju tal-plastik ossodegradabbli fuq l-ambjent). Din l-evidenza xjentifika u evidenza xjentifika oħra ppreżentata mid-Delegazzjoni tal-UE lill-Arabja Sawdija wasslu lil din tal-aħħar biex tabbanduna r-regolament tekniku dwar il-prodotti tal-imballaġġ.
- **L-Indoneżja/id-DPI:** Matul l-aħħar sentejn, il-Kummissjoni kienet qed tqajjem mal-Indoneżja l-kwistjoni tal-manifattura lokali bħala prekondizzjoni għall-protezzjoni tal-privattivi għall-farmaċewtiċi, minħabba li dan kien ostaklu serju għall-kumpaniji Ewropej li jixtiequ jikkompetu fl-Indoneżja. L-UE ħadmet mal-Indoneżja permezz ta' mezzi diplomatiċi u kkooperat ma' pajjiżi tal-istess fehma biex issib soluzzjoni li hija ta' benefiċċju reċiproku kemm għall-industriji innovattivi lokali kif ukoll għal dawk Ewropej u konsistenti mal-istandards internazzjonali. F'Ottubru 2020, l-Indoneżja adottat Liġi Omnibus ġdida dwar il-Ħolqien tal-Impjiegi li neħħiet ir-rekwiżit. Dan kien ifisser pass importanti lejn il-konformità mal-istandards internazzjonali li jkopru, *inter alia*, il-manifattura, l-importazzjoni u l-liċenzjar ta' invenzzjonijiet bi privattiva fl-Indoneżja.

### ***...flimkien ma' azzjoni fil-qafas tad-WTO u d-diversi kumitati tagħha...***

Minħabba l-proliferazzjoni ta' regoli u regolamenti li jaffettwaw il-kummerċ internazzjonali, l-implimentazzjoni xierqa ta' dixxiplini multilaterali relatati mal-OTK hija ta' importanza kbira. Bis-saħħa tal-impenn b'suċċess tal-UE fil-**Kumitat dwar l-OTK tad-WTO**, għadd kbir ta' tali ostakli relatati mal-OTK jistgħu jiġu ċċarati, imneħħija jew evitati, u b'hekk jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet tal-UE. Skont estimi reċenti, tali miżuri affettwaw madwar **EUR 83 biljun**<sup>68</sup> **f'esportazzjonijiet tal-UE matul l-aħħar għaxar snin** f'firxa wiesgħa ta' setturi, b'mod partikolari l-apparati mediċi, il-

---

<sup>68</sup> Din il-metodoloġija tistma l-flussi kummerċjali attwali li bbenefikaw mill-eliminazzjoni/prevenzjoni tal-ostakli għall-OTK u ma tipprovdix kwantifikazzjoni taż-żidiet fl-esportazzjoni jew ta' effetti kummerċjali oħrajn.

farmaċewtiċi, il-karozzi, l-ikel u x-xorb, il-prodotti tal-IT, u l-apparat elettriku, il-kożmetiċi, il-ġugarelli, it-tessuti, iċ-ċeramika jew l-ġhamara<sup>69</sup>.

*... u r-Regolament dwar l-Ostakli għall-Kummerċ offra rotta legali addizzjonali f'każijiet speċifiċi.*

**Ir-Regolament dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ** (TBR) huwa strument legali li jagħti lill-kumpaniji, l-industriji, l-assoċjazzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE d-dritt li jressqu lment mal-Kummissjoni dwar l-ostakli għall-kummerċ f'pajjiżi terzi. Jekk l-ilment jissodisfa l-kriterji għall-ammissjoni, il-Kummissjoni teżamina l-każ biex tiddetermina jekk hemmx evidenza ta' ksar tar-regoli kummerċjali internazzjonali li jirriżulta f'effetti kummerċjali negattivi jew f'dannu, u jekk huwiex fl-interess tal-UE li taġixxi. Jekk il-proċedura tikkonkludi li hija meħtieġa azzjoni biex jiġi żgurat ir-rispett tar-regoli kummerċjali internazzjonali u biex jitneħħa d-dannu kkawżat, jistgħu jittieħdu miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu l-bidu ta' proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Sa issa, inbdew **24 proċedura ta' eżami skont it-TBR** fir-rigward tal-prattiki kummerċjali ta' firxa wiesgħa ta' sħab kummerċjali (eż. il-Brażil, il-Kanada, il-Ġappun, it-Turkija). Fl-2020 inbdew żewġ eżamijiet, li ġew konklużi fl-2021.

- Eżempji tal-Arabja Sawdija/madum u tal-Messiku/Tequila: Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni kkonkludiet l-investigazzjonijiet dwar il-miżuri tal-Arabja Sawdija<sup>70</sup> li jirrestrinġu l-aċċess għas-suq għall-madum taċ-ċeramika tal-UE u dwar il-miżuri tal-Messiku<sup>71</sup> li jaffettwaw l-esportazzjonijiet tat-Tequila lejn l-UE. Dawn l-investigazzjonijiet inbdew fuq ilmenti tal-assoċjazzjonijiet tal-impriżi rispettivi (jiġifieri l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Industrija taċ-Ċeramika (Cerame-Unie) u Brewers of Europe) u wasslu biex jiġu ċċarati s-sitwazzjoni legali u l-effetti ekonomiċi tal-miżuri tal-pajjiżi terzi. L-eżamijiet sabu li r-regolamenti tekniċi l-ġodda tal-Arabja Sawdija kienu qed ifixklu bejn 75 u 80 % tal-esportazzjonijiet tal-UE fil-madum taċ-ċeramika, stmati għal EUR 120-150 miljun fis-sena, u qed jaffettwaw ħafna SMEs tal-UE, filwaqt li r-rifjut tal-Messiku li jōhroġ ċertifikati tal-esportazzjoni għat-Tequila lejn l-UE jista' jikkostitwixxi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni pprojbiti skont ir-regoli tad-WTO.

Wara li kkonkludiet dawn iż-żewġ eżamijiet, **il-Kummissjoni issa tinsab f'pożizzjoni aħjar biex tneħħi dawn l-ostakli**. Il-Kummissjoni issa se timpenja ruħha mal-Arabja Sawdija biex tiżgura t-tneħħija ta' dawn l-ostakli, permezz ta' negozjati jew billi tressaq il-każ quddiem id-WTO. Il-Kummissjoni se timmonitorja wkoll il-proċeduri amministrattivi pendenti fil-Messiku biex tiżgura li dawn ineħħu l-ostaklu għall-kummerċ.

#### **D. Is-Sħubija għall-Aċċess għas-Swieq fuq ix-xogħol u l-impatt tagħha fl-2020**

Fl-2020 inkisbu riżultati tanġibbli, minkejja d-diffikultajiet maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19, bis-saħħa tal-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u n-negozji fil-Gruppi Konsultattivi għall-Aċċess għas-Swieq fi Brussell, iżda wkoll f'ħafna Timijiet ta' Aċċess għas-Swieq

<sup>69</sup> Ara wkoll il-pubblikazzjoni mis-CEPS ta' Frar 2021: "Multilateral cooperation behind the trade war headlines: How much trade is freed up?"; minn Lucian Cernat u David Boucher; [https://www.ceps.eu/download/publication/?id=32164&pdf=PI2021-03\\_Multilateral-cooperation-behind-the-trade-war-headlines.pdf](https://www.ceps.eu/download/publication/?id=32164&pdf=PI2021-03_Multilateral-cooperation-behind-the-trade-war-headlines.pdf)

<sup>70</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/may/tradoc\\_159564.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/may/tradoc_159564.pdf)


<sup>71</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/may/tradoc\\_159563.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/may/tradoc_159563.pdf)

immexxija minn timijiet kummerċjali fid-Delegazzjonijiet tal-UE, u l-partijiet ikkonċernati li jipprovdu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-prattika fil-pajjiżi sħab tagħna.

F'termini tal-**firxa ġeografika tal-ostakli riżolti fl-2020**, erbgħa ġew indirizzati fl-Eġittu, tlieta fl-Emirati Għarab Magħquda, tnejn kienu jikkonċernaw l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, il-Kuwajt, ir-Russja u l-Arabja Sawdija, rispettivament, filwaqt li wieħed minn kull wieħed ġie indirizzat f'14-il pajjiż ieħor. Kważi nofs l-ostakli riżolti (15) kienu jinsabu fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran u tal-Lvant Nofsani, minħabba li l-Kummissjoni tirreaġixxi għax-xejra dejjem tikber fil-protezzjoniżmu f'dan ir-reġjun strateġiku. Ġew riżolti seba' ostakli fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja.

Bħal fis-snin preċedenti, **is-settur li bbenefika l-aktar** mill-għadd ta' ostakli mneħħija kien dak tal-**agrikoltura u s-sajd**, li jirrappreżenta kważi 60 % tal-ostakli totali riżolti. Sebgħa mill-ostakli riżolti (wieħed minn kull ħamsa) kienu jikkorrespondu għal ostakli orizzontali jew multisettorjali.

### Illustrazzjoni 6: L-għadd ta' ostakli riżolti għal kull settur (2020)



B'mod ġenerali, **l-analiżi ekonometrika**<sup>72</sup> mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea wriet li, bis-saħħa tat-tneħħija ta' għadd ta' ostakli bejn l-2014 u l-2019<sup>73</sup>, **l-esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea fl-2020 kienu EUR 5,4 biljun oġġla milli kienu jkunu kieku l-ostakli kienu għadhom fis-seħħ**. Dawn l-esportazzjonijiet addizzjonali tal-UE b'valur ta' EUR 5,4 biljun huma benefiċċji tanġibbli tal-isforzi ta' implimentazzjoni u infurzar imwettqa mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u min-negozji fis-Sħubija għall-Aċċess għas-Swieq.

<sup>72</sup> Il-metodoloġija tapplika għall-kummerċ fil-merkanzija biss u ma tippermettix l-inklużjoni ta' ostakli orizzontali kumplessi li jaffettwaw il-merkanzija, u lanqas ostakli lil hinn mill-merkanzija.

<sup>73</sup> L-analiżi tinkludi 130 ostaklu mneħħija mill-2014 sal-2019. Huma biss xi ostakli li jistgħu jiġu kkwantifikati minn din l-analiżi, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw l-esportazzjonijiet tal-UE fil-merkanzija u li ma għandhomx effett orizzontali. L-analiżi ma tkoprix l-ostakli mneħħija fl-2020, minħabba li hija meħtieġa mill-inqas sena waħda sħiħa ta' *data* wara li jitneħħa l-ostaklu biex jiġi stabbilit l-impatt fuq il-kummerċ.

## IV.2 L-iffaċilitar tal-ilmenti: Il-Punt ta' Dħul Uniku

*It-tnedija tal-Punt ta' Dħul Uniku qed tgħin biex jiġu ffokati u mmobilizzati r-riżorsi biex jiġu indirizzati* *l-ostakli* *għall-kummerċ...*

Jenħtieġ li t-tnedija tal-**Punt ta' Dħul Uniku**<sup>74</sup> (SEP) fis-16 ta' Novembru 2020 tkompli ttejjeb l-interazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati, filwaqt li tqajjem ilmenti dwar l-ostakli għall-aċċess għas-swieq u l-ksur tal-impenji tat-TSD u lmenti relatati man-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti taħt is-"Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi" (SGP) tal-UE. L-SEP huwa mfassal b'mod li jiżgura li l-Kummissjoni tkun tista' tibbaża fuq bażi soda ta' evidenza meta tiġi biex teżamina l-ilmenti, sabiex tkun tista' taġixxi b'mod aktar rapidu u effettiv f'każijiet fejn hija temmen li hemm raġunijiet biex taġixxi. Fl-istess ħin, il-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz u l-gwida pprovduti mill-Kummissjoni jindirizzaw id-diffikultà li kienu qed jiffaċċjaw ħafna partijiet ikkonċernati biex jidentifikaw il-mezzi adatti u l-informazzjoni mistennija minnhom biex iniedu l-ilmenti u biex isegwu l-andament tagħhom.

L-SEP jibbenefika wkoll minn approċċ aktar issimplifikat għall-ġestjoni tal-ħidma fuq l-ostakli fid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u fis-sett usa' ta' servizzi fil-Kummissjoni, li huma kkonċernati minn ostakli potenzjali. Filwaqt li l-ostakli kollha jinżammu taħt rieżami, xi wħud huma prijoritizzati abbażi tas-saħħa legali tagħhom, l-importanza ekonomika jew sistemika tagħhom u l-perspettiva għat-tneħħija tagħhom.

*... nagħmluha aktar faċli biex jitħejjew każijiet aktar b'saħħithom*

L-SEP jista' jiġi aċċessat permezz tal-pjattaforma online Access2Markets (ara t-Taqsima III.A hawn fuq), li tippermetti li l-ilmenti jiġu ppreżentati online<sup>75</sup>. Minn mindu kien imħabbar fis-sajf tal-2020, l-SEP kien ikkuntattjat aktar minn 60 darba fir-rigward ta' lmenti possibbli li rriżultaw fi 17-il ilment formali riċevuti.

*... u ngħinu lill-Kummissjoni tirreaġixxi aktar malajr u b'effett akbar...*

**Il-Punt ta' Dħul Uniku diġà qed jagħmel differenza reali** fil-mod kif il-Kummissjoni taħdem fuq l-ostakli. Kif juri l-eżempju ta' hawn taħt, ir-riċeviment tal-informazzjoni t-tajba fi stadju bikri jżid iċ-ċansijiet li l-ostakli jiġu indirizzati b'suċċess permezz tal-firxa sħiħa ta' mezzi formali u informali disponibbli.

- Pereżempju: L-Eġittu/madum taċ-ċeramika: Eżempju reċenti huwa l-projbizzjoni temporanja fuq l-importazzjoni imposta mill-Eġittu fuq il-madum taċ-ċeramika. Il-kumpaniji tal-UE, li jaġixxu permezz tal-assoċjazzjoni tal-industrija tagħhom, bl-ghajjnuna tal-faċilità l-ġdida ta' punt uniku ta' servizz setgħu jaġixxu malajr u, iggwidati mill-formola tal-ilmenti, setgħu jgħaqqdu l-informazzjoni meħtieġa biss jiem wara li l-Eġittu kien ippubblika l-miżuri. Dan ippermetta lill-Kummissjoni, bl-ghajjnuna tad-Delegazzjoni tal-UE, timpenja ruħha mal-awtoritajiet Eġizzjani fi stadju bikri, inkluż permezz ta' kuntatti diplomatiċi u billi tiskambja l-ittri. F'Marzu 2021, wara l-perjodu inizjali ta' tliet xhur, l-Eġittu ddeċieda li ma jestendihex u, b'hekk, il-miżura issa skadiet.

<sup>74</sup> Ara l-linji gwida Operazzjonali: Linji gwida operazzjonali: [https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/en/form-assets/operational\\_guidelines.pdf](https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/en/form-assets/operational_guidelines.pdf)

<sup>75</sup> L-ilmenti dwar l-aċċess għas-suq jew rigward il-ksur tal-impenji tat-TSD issa jistgħu jsiru online permezz tal-formoli korrispondenti fuq il-portal Access2Markets.

Fl-istess ħin, għandu jiġi nnotat li l-ilmenti formali kollha sal-lum iffokaw fuq l-ostakli għall-aċċess għas-swieq u mhux fuq l-iżvilupp sostenibbli sa issa, sitwazzjoni li tirrifletti l-kumplessità addizzjonali tal-każijiet potenzjali f'dak il-qasam, iżda wkoll il-familjarità akbar tal-partijiet ikkonċernati tan-negozju max-xogħol eżistenti fir-rigward tal-aċċess għas-suq. Il-Kummissjoni qed tirrevedi regolarment il-linji gwida operazzjonali tagħha dwar l-SEP kif meħtieġ u qed taġġustahom, filwaqt li tqis il-kummenti mill-partijiet ikkonċernati<sup>76</sup>. Dan huwa importanti minħabba li s-sistema l-ġdida tal-ilmenti tiġi b'responsabbiltà għan-negozji u għal partijiet ikkonċernati oħrajn biex jipprovdu każijiet argumentati sewwa u ssostanzjati, kull fejn ikun possibbli. Fejn dan isir, il-Kummissjoni se tkun mgħammra sewwa biex tirrispondi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni dejjem tirriżerva d-dritt li ssir attiva fuq l-inizjattiva tagħha stess (billi tnedi każijiet *ex officio*), kemm fuq ostakli relatati mal-aċċess għas-suq kif ukoll fuq ksur tal-impenji dwar it-TSD.

## V. L-infurzar bilaterali u multilaterali tal-impenji kummerċjali: is-soluzzjoni tat-tilwim<sup>77</sup>

Il-ħidma upstream effettiva fuq l-implimentazzjoni, fuq il-prelazzjoni tal-ostakli potenzjali u fuq l-indirizzar tal-ostakli attwali qabel ma dawn irabbu l-għeruq tinsab fil-qalba tal-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni u l-infurzar. Madankollu, din il-ħidma trid tkun appoġġata minn proċeduri legali effettivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, li għandhom jintużaw meta jkun meħtieġa.

### V.1 L-użu tas-soluzzjoni tat-tilwim

#### A. Soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO

*Is-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO tibqa' importanti għall-infurzar effettiv, minkejja l-imblukkar attwali tal-funzjoni tal-Korp tal-Appelli tagħha*

Is-sistema tad-WTO għas-soluzzjoni tat-tilwim tipproduċi **deċiżjonijiet indipendenti u imparzjali**, vinkolanti għall-partijiet fit-tilwima, li jistgħu jiġu **appellati**, filwaqt li tiggarrantixxi **l-kwalità u l-leġittimità** ta' dawk id-deċiżjonijiet.

Id-WTO toffri sistema pprovata u ttestjata għas-soluzzjoni tat-tilwim li tista' tintuża mill-UE biex tinforza d-drittijiet tagħha tad-WTO meta Membri oħrajn tad-WTO ma jirrispettawx l-impenji tagħhom. Sa Ġunju 2021, l-UE kienet nediet 104 mis-600 tilwima mressqa quddiem id-WTO mill-1995.

Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, **l-UE ressqet għadd sinifikanti ta' proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim**. Filwaqt li l-iskedi ta' żmien tat-tilwim tad-WTO inevitabbilment ġew affettwati mill-pandemija tal-COVID-19, l-UE ppromwoviet u appoġġat b'mod attiv il-miżuri fid-WTO biex it-tilwim ikompli jipproċedi, bħal seduti tal-bord f'forma virtwali jew ibrida.

<sup>76</sup> L-ewwel aġġornament li jqis il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati sar f'Settembru u jista' jiġi aċċessat fuq <https://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/chief-trade-enforcement-officer/>

<sup>77</sup> Għal sommarju dettaljat ta', b'mod partikolari, każijiet tad-WTO li jinvolvu lill-UE bħala lmentatriċi jew konvenuta u każijiet taħt il-ftehimiet bilaterali tal-UE, ara l-aktar edizzjoni aġġornata tal-“Ħarsa ġenerali lejn il-każijiet attivi tal-UE għas-soluzzjoni tat-tilwim”, ippubblikata fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ (<https://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/dispute-settlement/>).

## Il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO

**-Il-proċedimenti tal-Bord komplew f'għadd ta' tilwimiet** mibdija mill-UE, inklużi: kontra t-Turkija fil-każ tal-Prodotti Farmaċewtiċi (DS583); kontra l-Kolombja dwar id-dazji anti-dumping fuq patata tal-qali ffriżata mill-Belġju, mill-Ġermanja u min-Netherlands (DS591); kontra l-Indja fuq tariffi eċċessivi mill-Indja fuq ċerti oġġetti fis-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (DS582); u kontra l-Istati Uniti dwar ċerti miżuri fuq prodotti tal-azzar u tal-aluminju (DS548) u d-dazji anti-dumping u kumpensatorji fuq iż-żebbuġ misjur minn Spanja (DS577).

-L-UE **avvanzat għall-istadju tal-bord** it-tilwima tagħha dwar il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' minerali tan-nikil tal-Indoneżja, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-ipproċessar domestiku tal-Indoneżja li jaffettwaw il-minerali tan-nikil u l-minerali tal-ħadid. Fid-29 ta' April 2021 issawwar bord f'Indoneżja — Miżuri Relatati mal-Materja Prima (DS592).

-F'Ottubru 2020, **fit-tilwima tal-UE kontra l-Istati Uniti** dwar Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar (DS353), il-Korp tad-WTO għas-Soluzzjoni tat-Tilwim awtorizza lill-UE biex tissospendi l-konċessjonijiet b'raba mal-Istati Uniti sal-livell ta' kważi erba' biljun USD fis-sena. Wara l-impożizzjoni attwali ta' kontromiżuri mill-UE fl-10 ta' Novembru 2020, u s-sospensjoni reċiproka ta' kontromiżuri mill-UE u mill-Istati Uniti fil-5 ta' Marzu 2021 għal perjodu ta' erba' xhur, fil-15 ta' Ġunju 2021 intlaħaq Qbil dwar qafas kooperattiv għal Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar, li abbażi tiegħu l-kontromiżuri għandhom jibqgħu sospiżi għal perjodu ieħor ta' ħames snin.

### B. Soluzzjoni għat-tilwim bilaterali

*Fl-2020, il-Kummissjoni kompliet il-ħidma ta' litigazzjoni tagħha skont id-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali...*

Il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinstabu f'31 mis-37 ftehim kummerċjali tal-UE koperti minn dan ir-rapport jiffavorixxu, bħala l-ewwel pass, soluzzjonijiet li jistgħu jiġu maqbula b'mod reċiproku permezz ta' konsultazzjonijiet. Dan huwa fattibbli f'każijiet fejn ikun hemm rieda tajba miż-żewġ naħat biex l-iżbilanċi jiġu indirizzati malajr u biex jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ identifikati fil-monitoraġġ tal-konformità ma' dawk il-ftehimiet.

Meta soluzzjoni li tista' tiġi maqbula b'mod reċiproku ma tidhirx possibbli permezz ta' konsultazzjonijiet, kwalunkwe naħa tista' titlob li jitwaqqaf bord għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Mill-2018, l-UE talbet soluzzjoni tat-tilwim taħt erba' ftehimiet kummerċjali bilaterali: il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-**Ukrajna**, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mar-Repubblika tal-**Korea**, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-**Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC)**<sup>78</sup>, u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-**Alġerija**. Il-passi li ttieħdu fl-2020 u fil-bidu tal-2021 jinkludu dawn li ġejjin:

- F'April 2020, l-UE talbet li jitwaqqaf bord tal-arbitraġġ mal-**Unjoni Doganali tan-Nofsinhar tal-Afrika (SACU)**<sup>79</sup> taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika tal-UE mal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC)<sup>80</sup> b'raba mal-miżuri ta' salvagwardja meħuda kontra l-esportazzjonijiet tal-pollam tal-UE. Il-proċess tal-għażla tal-bord, li kien ġie

<sup>78</sup> L-FSE bejn l-UE u l-SADC japplika bejn l-UE u sitt pajjiżi mill-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC): l-Eswatini, il-Botswana, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja u l-Afrika t'Isfel.

<sup>79</sup> Ħames Membri tal-SADC (il-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel, u l-Eswatini) iffurmaw unjoni doganali.

<sup>80</sup> <https://www.sadc.int/about-sadc/overview/>

temporanjament sospiż minħabba s-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika, reġa' nbeda fit-22 ta' Novembru 2020 u għadu għaddej.

- F'Ġunju 2020 ukoll, il-Kummissjoni resqet quddiem il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni skont il-ftehim tagħha mal-Alġerija biex tindirizza għadd ta' miżuri restrittivi fuq l-importazzjoni, inkluża projbizzjoni fuq l-importazzjoni imposta mill-**Alġerija** fuq il-karozzi. B'riżultat ta' dan, saru diskussjonijiet kostruttivi bejn l-UE u l-Alġerija li jkopru l-miżuri kkontestati kollha li bdew f'Settembru 2020 f'bosta sessjonijiet fl-2021 sabiex it-tilwima tissolva f'soluzzjonijiet bonarji.
- B'rabta mal-**Korea**, wara dewmien marbut ma', fost l-oħrajn, il-pandemija tal-COVID-19, il-Bord ta' Esperti f'Jannar 2021 ta d-deċiżjoni tiegħu dwar il-każ imressaq mill-UE rigward l-obbligu tal-Korea skont l-FTA li ttrattifika l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u rigward il-leġislazzjoni tat-trade unions, ara hawn fuq, it-Taqsima II.2.C.
- Fil-każ tal-**Ukrajna**, fil-11 ta' Diċembru 2020, bord iddeċieda favur l-UE fir-rigward ta' projbizzjoni fuq l-esportazzjonijiet tal-injam lejn l-UE. Fid-29 ta' Ġunju 2021, l-Ukrajna infurmat lill-UE bil-miktub dwar il-progress tagħha biex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ, iżda ma kinitx f'pożizzjoni li tinnotifika kwalunkwe miżura li ħadet biex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord.

## Il-Każ ta' Soluzzjoni tat-Tilwim fl-Ukrajna

Fl-2005, l-Ukrajna bdiet tapplika projbizzjoni fuq l-esportazzjoni li tikkonċerna għadd ta' speċijiet tal-injam fil-forma ta' injam mhux ipproċessat u injam isserrat. Bejn l-2015 u l-2017, l-Ukrajna estendiet l-ambitu tal-prodott ta' din **il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni** biex tkopri **l-esportazzjoni tal-injam mhux ipproċessat kollu**. Billi l-isforzi politiċi naqsu milli jsolvu l-kwistjoni, fit-22 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim mal-Ukrajna skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bilaterali bejn l-UE u l-Ukrajna (fit-28 ta' Jannar 2020 twaqqaf bord tal-arbitraġġ).

L-approċċ meħud mill-Kummissjoni Ewropea f'dan il-każ kien sostnut mhux biss minn **bażi ġuridika b'saħħitha**, iżda wkoll mill-**impatt ekonomiku** tal-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-Ukrajna. Billi, sadanittant, l-Ukrajna saret it-tieni l-akbar sors ta' importazzjoni ta' injam artab (ipproċessat) għaċ-Ċina, l-importazzjonijiet fl-UE ta' injam mhux ipproċessat mill-Ukrajna naqsu minn 2 miljun tunnellata fl-2015 (14 % tal-importazzjonijiet tal-UE) għal ammont negliġibbli ta' 2 000 tunnellata fl-2019, biex b'hekk potenzjalment qed ikollhom impatt serju fuq id-disponibbiltà ta' materja prima rilevanti għall-industrija tal-ipproċessar tal-injam tal-UE.

Il-bord tal-arbitraġġ ħareġ id-deċiżjoni finali tiegħu fil-11 ta' Diċembru 2020, fejn ikkonkluda li l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-Ukrajna fuq l-injam mhux ipproċessat kienet inkompatibbli mal-Artikolu 35 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, li jipprojbixxi l-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni. Id-deċiżjoni **ċċarat** ukoll li **l-eċċezzjonijiet rilevanti ma kinux japplikaw**, filwaqt li ma laqgħetx l-affermazzjoni tal-Ukrajna li l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' injam mhux ipproċessat kienet maħsuba b'mod leġittimu biex tippoteġi l-foresti tal-Ukrajna. Il-bord ikkonferma biss din il-linja ta' argument għal projbizzjoni stretta ħafna preċedenti fuq l-esportazzjoni ta' injam isserrat ta' għaxar speċijiet ta' injam innegozjati rari ħafna.

Il-każ juri l-politika tal-UE li tieħu **azzjoni assertiva kontra r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni**, minħabba li dawn joħlqu **theddida sistemika** għall-kummerċ internazzjonali. Dan kien rifless ukoll mill-azzjoni tal-UE u ta' sħab kummerċjali oħrajn kontra ċerti restrizzjonijiet Ċiniżi fuq il-materja prima, jew – aktar reċentement – it-tneċċija mill-UE ta' każ ta' soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO kontra l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-Indoneżja fuq il-minerali tan-nikil (DS592 – ara l-kaxxa dwar il-proċedimenti tad-WTO għas-soluzzjoni tat-tilwim).

### V.2 It-tiġdid tal-gruppi ta' arbitri u esperti fit-TSD

F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni talbet għal applikazzjonijiet b'konnessjoni mat-tiġdid tal-grupp ta' arbitri u tal-grupp separat ta' esperti tat-TSD għall-bordijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim skont ftehimiet kummerċjali li għalihom l-UE hija parti. Bord tal-għażla, magħmul minn imħallfin u akkademiċi internazzjonali b'esperjenza, se jeżamina l-applikazzjonijiet biex jikkonferma l-adegwatezza tagħhom għall-ħatra.

F'konformità mal-aderenza tal-Kummissjoni mal-“Wegħda ta' Rappreżentanza Ugwali fl-Arbitraġġ”, il-Kummissjoni se tfitteż li tiżgura bilanċ bejn il-ġeneri fil-proposti tagħha lill-Kunsill għar-rosters ta' arbitri u esperti, kif ukoll fil-ħatra ta' arbitri jew ta' esperti fit-TSD f'tilwimiet speċifiċi.

### V.3 Ir-rispons għall-ostakli għas-soluzzjoni tat-tilwim

***Bil-ħidma tal-Korp tal-Appelli tad-WTO mblukkata, l-Unjoni Ewropea kienet minn ta' quddiem fl-isforzi tagħha biex issib soluzzjoni temporanja sakemm tinstab soluzzjoni dejjiema...***

Il-Korp tal-Appelli tad-WTO ilu paralizzat minn Diċembru 2019, minħabba mblukkar fil-ħatriet. Għalhekk, huwa possibbli li t-tilwimiet ma jaslux għal konklużjoni vinkolanti, fejn il-parti telliefa tappella għal rapport tal-bord quddiem Korp tal-Appelli li ma jiffunzjonax u tirrifjuta li taqbel li tappella l-arbitraġġ skont ir-regoli tad-WTO. Għadd dejjem jikber ta' każijiet bħal dawn ma jistgħux jiġu pproċessati bħalissa, sitwazzjoni li għandha effett negattiv fuq l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-ambjent għall-kummerċ internazzjonali. L-arranġament proviżorju ta' arbitraġġ tal-appell bejn bosta partijiet (MPIA), deskritt hawn taħt, ifittex li jindirizza din il-problema.

#### **A. Senserija tal-Arranġament Proviżorju ta' Arbitraġġ tal-Appell bejn Bosta Partijiet (MPIA)**

*L-“arranġament proviżorju ta' arbitraġġ tal-appell bejn bosta partijiet” joffri lill-parteciċipanti soluzzjoni vinkolanti u indipendenti tat-tilwim skont ir-regoli tad-WTO, u l-possibbiltà ta' appell...*

F'April 2020, l-UE u grupp ta' Membri oħrajn tad-WTO stabbilixxew l-arranġament proviżorju ta' arbitraġġ tal-appell bejn bosta partijiet, magħruf bħala l-“MPIA”. Dan l-arranġament – li fih jista' jissieħeb kwalunkwe Membru tad-WTO – ifisser li l-parteciċipanti jimpenjaw ruħhom li jkollhom kwalunkwe appell f'tilwimiet tad-WTO bejniethom ittrattat permezz ta' arbitraġġ tal-appell skont ir-regoli tad-WTO, filwaqt li l-Korp tal-Appelli jibqa' ma jistax jiffunzjona bis-sħiħ.

Abbażi tar-regoli eżistenti tad-WTO, l-MPIA jippreserva, fost il-parteciċipanti tiegħu u sakemm il-Korp tal-Appelli ma jkunx jista' jiffunzjona bis-sħiħ, dritt ta' appell f'tilwim tad-WTO, kif ukoll id-dritt għal aġġudikazzjoni vinkolanti u indipendenti ta' tilwim kummerċjali. Dan ifisser li, b'rabta mal-parteciċipanti l-oħrajn tal-MPIA, l-UE tkompli tibbenefika minn sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim fuq żewġ livelli li tiffunzjona bis-sħiħ skont ir-regoli tad-WTO, minkejja l-kriżi tal-Korp tal-Appelli. Barra minn hekk, billi jippreserva l-possibbiltà ta' tali soluzzjoni tat-tilwim fost il-parteciċipanti tiegħu, l-MPIA ġeneralment jikkontribwixxi għall-istabbiltà u għall-preservazzjoni tal-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli. Sat-30 ta' Lulju 2021, l-MPIA kopra 25 Membru tad-WTO<sup>81</sup>. Dawn jinkludu utenti ewlenin tas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO u jirrapreżentaw madwar nofs il-prodott domestiku gross tad-dinja. F'Lulju 2020, il-Membri parteciċipanti tad-WTO stabbilixxew ġabra permanenti b'saħħitha ta' 10 arbitri tal-appell, li minnhom għandhom jintgħażlu b'mod każwali tliet arbitri għal kull każ biex jisimgħu kwalunkwe appell kopert mill-MPIA.

L-MPIA ġie implimentat f'diversi tilwimiet fejn iż-żewġ partijiet ikunu parteciċipanti tal-MPIA, permezz tal-iffirmar ta' ftehimiet ta' arbitraġġ tal-appell li jikkorrespondu għall-mudell tal-MPIA. Dawn it-tilwimiet jinkludu l-każ tal-UE kontra l-Kolombja dwar id-dazji anti-dumping fuq patata tal-qali ffriżata importata minn ċerti Stati Membri tal-UE (DS591). Għaldaqstant, jekk l-UE tirnexxi fl-istadju tal-bord ta' dan il-każ, il-Kolombja ma tistax tfittex li ġġib dak l-eżitu fix-xejn permezz ta' appell quddiem Korp tal-Appelli li ma jiffunzjonax.

#### **B. It-tisħiħ tar-Regolament tal-UE dwar l-Infurzar ('Enforcement Regulation' - ER)**

*Il-bidliet fir-Regolament tal-UE dwar l-Infurzar jippermettu lill-UE teħodha kontra t-tentattivi mis-sħab biex jipprevjenu li d-WTO jew it-tilwimiet bilaterali jaslju għal deċiżjoni konklużiva*

---

<sup>81</sup> L-UE, l-Awstralja, il-Benin, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, l-Unjoni Ewropea, il-Gwatemala, Hong Kong (iċ-Ċina), l-Iżlanda, il-Messiku, il-Montenegro, New Zealand, in-Nikaragwa, in-Norveġja, il-Pakistan, Singapore, l-Iżvizzera, l-Ukrajna, l-Urugwaj u l-Perù.

Billi emendat ir-“**Regolament dwar l-Infurzar**” tagħha, l-UE wessgħet il-possibbiltajiet tagħha li teżerċita u tinforza d-drittijiet internazzjonali tagħha b’mod aktar assertiv. **L-emendi** introdotti mir-Regolament (UE) 2021/167, li daħlu fis-seħħ fit-13 ta’ Frar 2021, isaħħu l-kapaċità tal-UE li taġixxi f’żewġ aspetti importanti.

- L-ewwel nett, l-emendi jippermettu lill-UE tissospendi jew tirtira l-obbligi tagħha lejn sieħeb kummerċjali f’sitwazzjonijiet ta’ ksur tar-regoli jew l-impenji kummerċjali internazzjonali minn dak is-sieħeb kummerċjali lejn l-UE, fejn dak is-sieħeb kummerċjali jfittex li jfixkel il-konklużjoni finali u vinkolanti tal-proċessi għas-soluzzjoni tat-tilwim ikkonċernati, kemm jekk ikunu taħt il-Ftehim tad-WTO dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim jew b’rabta ma’ ftehimiet kummerċjali bilaterali jew reġjonali. Fi kliem ieħor, l-emendi jikkonċernaw sitwazzjonijiet fejn, minkejja l-*bona fide* u l-aħjar sforzi tal-UE, ma tistax tinkiseb deċiżjoni vinkolanti fuq tilwima kummerċjali dwar id-drittijiet tal-UE miksura. Dan jista’ jkun minħabba n-nuqqas tal-kontroparti (is-sieħeb kummerċjali tal-UE) li tiegħu l-azzjoni meħtieġa (pereżempju, tirrifjuta li taħtar l-arbitri skont ftehim kummerċjali internazzjonali tal-UE) jew tal-kontroparti li tappella rapport tal-bord tad-WTO quddiem il-Korp tal-Appelli tad-WTO li ma jiffunzjonax u li ma taqbilx ma’ arbitraġġ ta’ appell proviżorju skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim. Azzjoni ta’ infurzar permezz tas-sospensjoni jew l-irtirar tal-obbligi tal-UE lejn is-sieħeb kummerċjali kkonċernat tiddefendi b’mod effettiv l-interessi ekonomiċi tal-UE.
- It-tieni, dawk l-emendi jwessgħu wkoll il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ kontromiżuri possibbli billi jippermettu lill-UE tiegħu kontromiżuri fil-kummerċ fis-servizzi u f’xi aspetti relatati mal-kummerċ tad-DPI. B’hekk, il-firxa ta’ għażliet tal-UE għall-miżuri ta’ infurzar hija ferm usa’ u adattata aħjar għas-soċjetà tal-lum ibbażata fuq l-għarfien. Il-provvediment għal miżuri bħal dawn jikkorrespondi għas-serjetà li l-UE tattribwixxi lir-rispett tal-impenji mis-sħab kummerċjali tagħha.